MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 320/2012 LM

**Ruben Farrugia (K.I. 172156M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Ruben Farrugia (K.I. 172156M)**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-3 ta' Ġunju, 2021 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal (i) astjena milli jieħu konjizzjoni dwar l-aggravju tan-nullità tal-istejjem maħruġa mill-

intimat mid-**Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** [minn issa 'l-appellat'] fil-konfront tar-rikorrent, wara li dan l-aggravju ġie irtirat mill-istess rikorrent; (ii) ċaħad l-aggravju tal-perentorjetà tal-istejjem maħruġa mid-Direttur Ġenerali intimat u ddikjara li l-istejjem nħarġu u ġew notifikati lir-rikorrent entro t-termini previsti fl-artikolu 32 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) laqa' l-appell tar-rikorrent limitatament safejn dan jirrigwarda l-perijodi ta' taxxa 01.06.10-31.08.10; u 01.09.10-30.11.10, u konsegwentement ħassar u rrevoka l-istejjem maħruġa fil-konfront tar-rikorrent għal dawn iż-żewġ perijodi ta' taxxa; iżda (iv) ċaħdu fir-rigward tal-perijodi ta' taxxa l-oħra indikati, u konsegwentement ikkonferma l-istejjem maħruġa fil-konfront tar-rikorrent għal dawn il-perijodi ta' taxxa. It-Tribunal iddeċieda wkoll li l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati in kwantu għal żewġ terzi mir-rikorrent, u terz mid-Direttur Ġenerali intimat.

## <u>Fatti</u>

2. Fir-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, ir-rikorrent spjega li fil-5 ta' Ottubru, 2012, id-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kien ħareġ stejjem finali, fejn kien indika li l-ċifri rappurtati fil-*VAT returns* tar-rikorrent kienu qegħdin jiġu kkontestati mid-Direttur Ġenerali intimat, tant hu hekk li r-rikorrent kien qiegħed jintalab iħallas €51,890.20 f'*output tax,* flimkien ma' penali amministrattivi u imgħaxijiet. Ir-rikorrent spjega li dawn l-istejjem kienu jirrelataw għal diversi perijodi bejn l-2006 u l-2010. Fl-appell tiegħu, ir-rikorrent spjega li uħud minn dawn il-perijodi kienu diġà suġġetti għal indaġini aktar bikrija, li fuqha wkoll ħarġet stima ta' taxxa tal-

VAT, bir-riżultat li huwa qiegħed jintalab iħallas taxxa addizzjonali doppja għal uħud mill-perijodi, bi ksur tal-artikolu 53 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Qal ukoll li uħud minn dawn il-perijodi huma preskritti *ai termini* tal-artikolu 32 tal-istess Att, filwaqt li d-dokumenti mitluba mill-assessuri tal-VAT sabiex jiġu eżaminati, ma kinux ikopru dawn il-perijodi kollha. Qal li għalhekk l-istejjem li jikkonċernaw perijodi li għalihom ma kinux intalbu fatturi u dokumenti, saru fuq sempliċi preżunzjoni tal-assessuri tal-VAT, minflok ma ttieħdu kalkoli empiriċi, u dan jikkostitwixxi abbuż da parti tad-Dipartiment tal-VAT. Qal ukoll li l-*provisional assessments* ma nħarġux kif stipulat fl-artikolu 32 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, bi ksur tal-liġi, filwaqt li huwa ma ngħatax l-opportunità li jiddiskuti dawn l-istejjem mar-*review officer,* u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-liġi. Ir-rikorrent qal li d-Dipartiment tal-VAT għad irid jagħti spjegazzjoni dwar kif wasal għal dawn l-istejjem.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent appella mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat permezz ta’ rikors fejn talab lit-Tribunal jiddikjara li l-istejjem li abbażi tagħhom id-Direttur Ġenerali intimat qiegħed jippretendi ħlas ulterjuri ta’ taxxa, huma frivoli u erronji.

4. Id-Direttur Ġenerali intimat eċċepixxa li r-rikorrent fl-4 t’Awwissu, 1997 kien irreġistra sabiex ikun jista’ jopera ristorant *ai termini* tal-Kap. 406. Qal li permezz ta’ ittra tas-7 ta’ Settembru, 2010, huwa kien talab lir-rikorrent jipprovdi l-kotba tan-negozju għall-perijodi ta’ taxxa msemmija fl-ittra mibgħuta

lilu, sabiex tkun tista' tibda l-investigazzjoni. Qal ukoll li minn din l-investigazzjoni rriżultaw diskrepanzi bejn il-kotba tan-negozju u d-denunzji tal-appellant, kemm fl-*output VAT* u fl-*input VAT.* L-intimat qal li huwa nforma lir-rikorrent b'dak li rriżultalu permezz ta' ittra mibgħuta lilu fl-20 ta' Marzu, 2012, u kien anki infurmah bl-istejjem tat-taxxa, iżda r-rikorrent baqa' ma talabx għal *review.* L-intimat żied jgħid li fil-5 ta' Ottubru, 2012, id-Direttur Ġenerali intimat, permezz ta' ittra informa lir-rikorrent li kien ser jikkonferma l-istejjem, u li dawn l-istejjem tqassmu fil-15 ta' Ottubru, 2012. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li r-rikorrent sab ruħhu f'ċirkostanzi fejn għal perijodu wieħed ta' taxxa, jiġifieri dak bejn l-1 ta' Ġunju, 2008 sal-31 t'Awwissu, 2008, ħarġu żewġ denunzji tat-taxxa lir-rikorrent b'ċifri differenti. Qal li sabiex jivverifika l-fatti, huwa kien ikkomunika mar-rikorrent, permezz ta' ittra datata l-14 ta' Lulju, 2009, u talbu jipprovdi l-kotba tan-negozju għal dan il-perijodu ta' taxxa. L-intimat qal li minn din l-investigazzjoni rriżulta li r-rikorrent għadda minn eċċess ta' kreditu ta' taxxa fl-ammont ta' €14,303.30, għal taxxa favur id-Dipartiment fl-ammont ta' €18,981.20. Id-Direttur Ġenerali intimat żied jispjega li peress li rriżulta bilanċ favur tiegħu, huwa qagħad fuq iċ-ċifri kkwotati, imma bil-ħsieb li dawn ikunu jistgħu jiġu riveduti f'każ li jiġih suspett li dawn id-dikjarazzjonijiet ma kienux korretti *ai termini* tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament l-artikolu 32(3). L-intimat żied jgħid li dan il-perijodu ta' taxxa aktar tard inkwadra ruħhu f'investigazzjoni li huwa mexxa, u setgħet tinħareġ ukoll stima addizzjonali *ai termini* tal-artikolu 35 tal-Kap. 406. Id-Direttur Ġenerali intimat eċċepixxa wkoll li l-ebda stima maħruġa minnu m'hija preskritta, kif allega r-rikorrent fir-rikors tal-appell tiegħu. L-intimat żied jgħid li mill-fatti li rriżultawlu mill-investigazzjoni tiegħu, huwa ddeċieda li jestendi l-investigazzjoni tiegħu sabiex jirrevedi d-

denunzji tat-taxxa tar-rikorrent. Qal ukoll li l-investigazzjonijiet tmexxew minnu bl-aktar mod skrupluż, u għalhekk l-aggravji sollevati mir-rikorrent fir-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal għandhom jiġu miċħuda. Qal ukoll li sabiex ikun hemm *review,* l-appellant irid ikun oġġezzjona għall-istejjem provviżorji, f'dan il-każ ir-rikorrent m'għamel l-ebda talba għal *review,* u għalhekk id-Dipartiment ma setax jipproċessa talba bħal din. Id-Direttur Ġenerali intimat qal li l-Kap. 406 huwa ta' natura fiskali, u għalhekk jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova li l-istejjem maħruġa mid-Direttur Ġenerali intimat ma jreġux. Flimkien mar-risposta tiegħu, id-Direttur Ġenerali intimat ippreżenta diversi ittri ta' korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet dwar din il-kwistjoni.

5. Ir-rikorrent fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa kellu negozju ta' bar u ristorant, li kien ġestit mill-kumpannija tiegħu bl-isem Chentelle Caterers Limited. Qal li f'Lulju tal-2009, huwa kien irċieva avviż mid-Dipartiment tal-VAT fejn ġie infurmat li kienet ser tiġi investigata l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-perijodu bejn Ġunju u Awwissu tal-2008. Qal li fl-istess żmien kien bagħat għalih l-Ispettur Angelo Gafà, li kien qallu li kien qiegħed imexxi investigazzjoni dwar xi talbiet għal rifużjonijiet tal-VAT għall-istess perijodu, u r-rikorrent qal li dak iż-żmien huwa kien wieġeb li għal dan il-perijodu huwa kellu jħallas u mhux jieħu *refund.* Qal li l-Ispettur Gafà kien talbu joħroġ mill-kamra sakemm jagħmel xi verifiki mad-Dipartiment tal-VAT. Qal ukoll li wara dan l-episodju, l-*accountant* tiegħu, identifikat bħala Charles Fenech, kien bagħat kopja tal-prospett tiegħu għal dan il-perijodu lill-Ispettur Gafà, u huwa kien ħaseb li l-kwistjoni kienet spiċċat hemm. Kompla jgħid li f'April 2010, huwa rċieva stima tal-VAT għal dak il-perjodu u ntalab iħallas aktar

minn ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) bħala taxxa. Qal ukoll li d-Dipartiment kien infurmah li dan l-ammont kien dovut minħabba *'disclosure of under declared tax',* u żied jgħid li huwa ma qabilx ma' dan għaliex huwa ma kien għamel l-ebda '*disclosure*'. Ir-rikorrent qal li minkejja dan, huwa kien ħallas l-ammont mitlub minħabba li beża' minn xi multi u imgħaxijiet. Qal li f'Ġunju tal-2010, huwa kien kiteb lid-Dipartiment, u infurmah li l-pagamenti kienu qegħdin isiru '*under protest*'. Qal ukoll li f'Settembru tal-2010, huwa rċieva avviż mid-Dipartiment tal-VAT fejn ġie infurmat li kienet ser issir investigazzjoni oħra, din id-darba sabiex tkopri l-perijodu bejn Ġunju 2004 sa Mejju 2010. Qal li f'dan il-perijodu kienu saru diversi laqgħat u diskussjonijiet, u l-konsulent li kien inkariga sabiex jassistih, kien infurmah li l-assunzjonijiet li kien qiegħed jagħmel id-Dipartiment ma kinux korretti, filwaqt li l-istejjem għall-perijodu bejn l-2004 u l-2005 kienu preskritti. Ir-rikorrent qal li f'Ottubru tal-2012, huwa rċieva l-istejjem li ssemmew minnu fir-rikors tal-appell tiegħu, u qal li l-perijodu kopert b'dawn l-istejjem jibda minn Marzu 2006 u mhux minn Ġunju 2004, iżda jkopri wkoll il-perijodu minn Ġunju sa Awwissu 2008, li dwaru huwa kien diġà rċieva stima u kien ħallas aktar minn ħamsa u għoxrin elf Euro (€25,000) taxxa. Qal ukoll li din l-istima tinkludi l-perijodu bejn Ġunju u Novembru, 2010, liema perijodu ma kienx inkluż fl-investigazzjoni, u li dwaru huwa ma kien intalab jipproduċi l-ebda kotba jew dokumenti. Qal ukoll li qabel irċieva l-istejjem li dwarhom hemm l-appell, huwa ma kienx irċieva stejjem provviżorji u lanqas ma kellu l-opportunità jitlob *review* tal-konklużjonijiet li kien wasal għalihom id-Dipartiment. Qal ukoll li huwa ma kienx irċieva rapport mid-Dipartiment dwar l-investigazzjoni. Ir-rikorrent qal li l-prospetti tat-taxxa tiegħu għall-perijodu kopert bl-istejjem huma korretti.

6. Ir-rikorrent ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, fejn qal li huwa jiġġestixxi ristorant ġewwa Triq it-Tamar, il-Qawra, liema ristorant jesa' madwar 60 persuna. Qal ukoll li kien hemm żmien meta mar-ristorant huwa kien jiġġestixxi bar li kien imniffed mar-ristorant.

7. **Noel Borg**, *VAT Inspector,* fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa kien għamel *audit investigation* fir-rigward tal-ammonti dikjarati fid-denunzji tar-rikorrent. Qal li fir-rigward tal-perijodu tat-taxxa bejn l-1 ta' Ġunju, 2008 u l-31 t'Awwissu, 2008, id-Dipartiment kien irċieva denunzja mingħand ir-rikorrent li permezz tagħha r-rikorrent talab rifużjoni tal-VAT fl-ammont ta' €14,303.30. Ix-xhud qal li aktar tard id-Dipartiment irċieva denunzja oħra għall-istess perijodu minn fejn irriżulta li r-rikorrent kellu jħallas €4,677.89 f'VAT. Qal li din l-aħħar denunzja ddaħħlet fis-sistema bħala korrezzjoni għall-ewwel denunzja, għaliex il-bejgħ kien żdied. Qal ukoll li meta d-Dipartiment ħadem il-perċentwali ta' bejgħ iddikjarat mir-rikorrent għas-sena 2008, kien ikkonsidra l-ammonti li kien hemm fit-tieni denunzja, kif aġġustati permezz tal-korrezzjoni għall-perijodu ta' taxxa bejn l-1 ta' Ġunju, 2008 u l-31 t'Awwissu, 2008. Qal illi li kieku ma sarx hekk, il-peċentwali ta' bejgħ mhux dikjarat li rriżulta mill-investigazzjoni, kien jitla' minn 41% għal 72%. Qal ukoll li huwa ma jafx jekk inbdewx proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

8. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-3 ta' Ġunju, 2021, it-Tribunal iddeċieda

r-rikors tar-rikorrent billi astjena milli jieħu konjizzjoni tal-aggravju tan-nullità tal-istejjem maħruġa mid-Direttur Ġenerali intimat fil-konfront tar-rikorrent, wara li dan l-aggravju ġie irtirat mill-istess rikorrent; ċaħad l-aggravju tal-perentorjetà tal-istejjem maħruġa mid-Direttur Ġenerali intimat fil-konfront tar-rikorrent, u ddikjara li l-istejjem inħarġu u ġew notifikati lir-rikorrent entro t-termini previsti fl-artikolu 32 tal-Kap. 406; laqa' l-appell tar-rikorrent limitatament in kwantu jirrigwarda l-perijodi ta' taxxa bejn l-1 ta' Ġunju, 2010 u l-31 t'Awwissu, 2010 u bejn l-1 ta' Settembru, 2010 u t-30 ta' Novembru, 2010, u konsegwentement ħassar u rrevoka l-istejjem maħruġa fil-konfront tiegħu għal dawn iż-żewġ perijodi ta' taxxa, iżda ċaħdu fir-rigward tal-perijodi l-oħra kollha indikati mid-Direttur Ġenerali intimat, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Ikkonsidra:***

*Permezz ta' għoxrin stima maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent fit-2 ta' Ottubru, 2012 għall-perijodi ta' taxxa 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10 (fn. 10 Dok. 'RF1' sa Dok. 'RF20' a fol. 5 sa 24 tal-proċess), il-Kummissarju tat-Taxxi jesiġi mingħand l-istsess Rikorrent il-ħlas tas-somma komplessiva ta' €51,890.20 rappreżentanti taxxa fuq il-valur miżjud, flimkien mas-somma ulterjuri komplessiva ta' €10,378.04 rappreżentanti taxxa/penali amministrattiva u s-somma ulterjuri komplessiva ta' €28,370.77 rappreżentanti imgħaxijiet - komplessivament ammontanti għal **€90,639.01**.*

*Ir-Rikorrent ħassu aggravat bil-ħruġ tal-imsemmija stimi fil-konfront tiegħu u interpona dan l-appell minnhom permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jiddikjara li jiddeċiedi li huwa għandu jibbenefika mill-effetti kollha tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u konsegwentement jingħata lok biex, mill-ġdid, ikun jista' jagħti prova li l-istimi maħruġa*

*fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-perijodi ta' taxxa 01.03.06-30.11.10 huma infondati u konsegwentement li l-imsemmija stimi jiġu kkanċellati u dikjarati nulli.*

*Ir-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mill-imsemmija stimi fuq is-segwenti aggravji: (i) uħud mill-perijodi ta' taxxa ġia kienu suġġetti għal indaġini aktar bikrija li fuqha wkoll inħarġet stima ta' taxxa tal-VAT u għaldaqstant huwa qed jintalab iħallas taxxa addizzjonali doppja bi ksur tal-artikolu 53 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) uħud mill-perijodi ta' taxxa huma preskritti skont l-artikolu 32 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) id-dokumenti li intalbu mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud sabiex jiġu eżaminati ma jkoprux il-perijodi ta' taxxa kollha u ċioe: Marzu 2006 – Mejju 2006, Ġunju 2006 – Awwissu 2006, Settembru 2006 – Novembru 2006, Diċembru 2006 – Frar 2007, Marzu 2007 – Mejju 2007, Ġunju 2007 – Awwissu 2007, Settembru 2007 – Novembru 2007, Diċembru 2007 – Diċembru 2007, Jannar 2008 – Frar 2008, Marzu 2008 – Mejju 2008, Ġunju 2008 – Awwissu 2008, Settembru 2008 – Novembru 2008, Diċembru 2008 – Frar 2009, Marzu 2009 – Mejju 2009, Ġunju 2009 – Awwissu 2009, Settembru 2009 – Novembru 2009, Diċembru 2009 – Frar 2010, Marzu 2010 – Mejju 2010, Ġunju 2010 – Awwissu 2010, Settembru 2010 – Novembru 2010; (iv) l-istimi li jikkonċernaw perijodi ta' taxxa li għalihom ma kinux intalbu fatturi u dokumenti saru fuq sempliċi preżunzjoni tal-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, minflok ma ttieħdu kalkoli empiriċi. Dan għalhekk jikkostitwixxi abbuż min-naħa tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; (v) l-istimi proviżorji ma nħarġux kif stipulat fl-artikolu 32 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta; (vi) huwa ma ngħatax l-opportunità li jiddiskuti kif xieraq l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu ma' Review Officer; (vii) id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud irid jagħti spjegazzjoni ta' kif wasal għall-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu; u (viii) l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu huma żbaljati fl-ammont intier tagħhom in kwantu jmorru kontra l-Artikoli 32 u 35 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, u huma frivoli u erroneji.*

*Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), illum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.03.06 – 30.11.10 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stimi jiġu ikkonfermati, stante li l-aggravji fuq liema r-Rikorrenti jibbaża l-appell tiegħu huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. In kwantu rigward l-ewwel aggravju tal-appell, ir-Rikorrent kien għall-perijodu ta' taxxa 01.06.08 – 31.08.08, issottometta żewġ denunzji tat-taxxa b'figuri differenti. Fl-ewwel denunzja tat-taxxa r-Rikorrent iddikjara li kellu kreditu favur tiegħu ta' €14,303.30, iżda fit-tieni denunzja ddikjara li kellu jagħti lill-Kummissarju tat-Taxxi s-somma ta' €18,981.20. F'dak l-istadju, il-Kummissarju tat-Taxxi kien qagħad fuq it-tieni denunzja tat-taxxa tar-Rikorrent, bid-dritt però ai termini tal-*

*artikolu 32(3) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta li l-istess tiġi riveduta jekk tirriżulta li ma hijiex korretta. Il-perijodu ta' taxxa in kwistjoni inkwadra ruħhu fl-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent u fid-dawl ta' dak li rriżulta u ai termini tal-artikolu 35 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, ħareġ stima addizzjonali fil-konfront tar-Rikorrent. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-ebda stima maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent ma hi preskritta. Fir-rigward tat-tielet u tar-raba' aggravju, fid-dawl ta' dak li rriżulta fil-kors tal-investigazzjoni l-Kummissarju għażel li jestendi l-investigazzjoni sabiex jirrevedi d-denunzji tat-taxxa tar-Rikorrent. Fir-rigward tal-ħames aggravju, huwa mexa b'mod skrupluż u ai termini tal-provvedimenti tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u fir-rigward tas-sitt aggravju, sabiex ir-Rikorrent seta' jgħaddi mill-proċess tar-Review, huwa kellu joġġezzjona mill-istimi proviżorji maħruġa fil-konfront tiegħu, ħaġa li però huwa ma għamilx.*

*Waqt is-seduta tas-16 ta' April, 2013 (fn. 11 fol. 71 tal-proċess), il-partijiet kontendenti qablu li t-Tribunal għandu jittratta l-kwistjoni dwar in-nullità tal-istimi peress illi qatt ma nħarġu jew ġew notifikati stimi proviżorji lir-Rikorrent kif ukoll il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ta' wħud mill-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent. Madanakollu però fil-kors tax-xhieda tar-Rikorrent waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju, 2014 (fn. 12 fol. 164 sa 171 tal-proċess) ġiet irtirata l-eċċezzjoni tan-nullità tal-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu, liema irtirar tal-eċċezzjoni ġie kkonfermat anke waqt it-trattazzjoni li saret waqt l-imsemmija seduta tat-23 ta' Mejju, 2014 (fn. 13 fol.172 u 173 tal-proċess) fir-rigward tat-talba tar-Rikorrent biex jiġi awtorizzat jesebixxi fatturi in konformità mal-Liġi kontra dawk il-fatturi li ma ġewx aċċettati mill-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud in kwantu ma kinux konformi mal-Liġi.*

*Jirriżulta għalhekk li miż-żewġ kwistjonijiet preliminari sollevati mir-Rikorrent, jifdal issa li jiġi trattat l-aggravju li wħud mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu huma preskritti, jew aħjar perenti.*

***Aggravju li wħud mill-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent huma perenti ai termini tal-artikolu 32 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta:***

*Ai termini tal-artikolu 32(1) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta:* meta l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li denunzja tat-taxxa magħmula minn persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal żmien ta' taxxa ma jkunx fiha dikjarazzjoni sħiħa u korretta tal-informazzjoni meħtieġa li tkun dikjarata f'dik id-denunzja hu jista' jagħmel stima proviżorja u għandu jinnotifika dik l-istima proviżorja lil dik il-persuna mhux iktar tard minn sitt snin mit-tmiem tal-imsemmi żmien ta' taxxa jew mid-data li fiha tintbagħat id-denunzja ta' taxxa għal dak iż-żmien ta' taxxa, skont liema data tiġi l-aktar tard: .... *Is-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li* wara li jgħaddi żmien ta' mhux anqas minn tletin

jum u mhux iktar minn sitt xhur min-notifika ta' stima proviżorja lill-persuna dwar żmien ta' taxxa, il-Kummissarju jista' jagħmel stima tal-output tax u t-tnaqqis ta' dik il-persuna għal dak iż-żmien u tal-penali amministrattiva li għaliha dik il-persuna tkun suġġetta u għandu jinnotifika dik l-istima lil dik il-persuna.

*Huwa evidenti li l-parametri ta' żmien entro liema għandu jaġixxi l-Kummissarju tat-Taxxi sabiex stima ma titqiesx perenta huma tnejn: fl-ewwel lok li l-istima proviżorja tinħareġ u tiġi notifikata lit-taxpayer fi żmien sitt snin mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa in kwistjoni u fit-tieni lok li l-istima finali tinħareġ u tiġi notifikata lit-taxpayer fi żmien massimu ta' sitt xhur (u mhux qabel it-tletin ġurnata) min-notifika tal-istima proviżorja.*

*Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-istimi proviżorji maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodi ta' taxxa 01.03.06-31.05.06, 01.06.06-31.08.06, 01.09.06-30.11.06, 01.12.06-28.02.07, 01.03.07-31.05.07, 01.06.07-31.08.07, 01.09.07-30.11.07, 01.12.07-31.12.07, 01.01.08-29.02.08, 01.03.08-31.05.08, 01.06.08-31.08.08, 01.09.08-30.11.08, 01.12.08-28.02.09, 01.03.09-31.05.09, 01.06.09-31.08.09, 01.09.09-30.11.09, 01.12.09-28.02.10, 01.03.10-31.05.10, 01.06.10-31.08.10, 01.09.10-30.11.10 li nħarġu fl-20 ta' Marzu, 2012 u ġew notifikati fit-**18 ta' April, 2012** (fn. 14 fol. 44 tal-proċess). Jirriżulta wkoll li l-istimi finali maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent għall-istess imsemmija perijodi ta' taxxa nħarġu fit-2 ta' Ottubru, 2012 u ġew notifikati fil-**15 ta' Ottubru, 2012** (fn. 15 fol. 46 tal-proċess).*

*Una volta li r-Rikorrent irrinunzja għall-eċċezzjoni tan-nullità tal-istimi kontestati minħabba nuqqas ta' ħruġ u/jew notifika tal-istimi proviżorji, isegwi li huwa qed jaċċetta d-data tat-**18 ta' April, 2012** bħala d-data meta l-istimi proviżorji għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni ġew notifikati lilu. Hija din id-data ma' liema jrid jintrabat l-aggravju tal-preskrizzjoni, jew aħjar tal-perentorjetà tal-istimi, sollevat mir-Rikorrent. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li r-Rikorrent issottometta d-denunzji tat-taxxa tiegħu tardivament u għaldaqstant it-termini entro liema l-istimi proviżorji għall-perijodi ta' taxxa in kwistjoni kellhom jiġu notifikati lilu huma s-segwenti:*
*01.03.06 – 31.05.06 – **31 ta' Mejju, 2012***
*01.06.06 - 31.08.06 – **31 ta' Awwissu, 2012***
*01.09.06 - 30.11.06 – **30 ta' Novembru, 2012***
*01.12.06 - 28.02.07 – **28 ta' Frar, 2013***
*01.03.07 – 31.05.07 – **31 ta' Mejju, 2013***
*01.06.07 – 31.08.07 – **31 ta' Awwissu, 2013***
*01.09.07 – 30.11.07 – **30 ta' Novembru, 2013***
*01.12.07 – 31.12.07 – **31 ta' Diċembru, 2013***
*01.01.08 – 29.02.08 – **29 ta' Frar, 2014***

*01.03.08 – 31.05.08 –* ***31 ta' Mejju, 2014***
*01.06.08 – 31.08.08 –* ***31 ta' Awwissu, 2014***
*01.09.08 – 30.11.08 –* ***30 ta' Novembru, 2014***
*01.12.08 – 28.02.09 –* ***28 ta' Frar, 2015***
*01.03.09 – 31.05.09 –* ***31 ta' Mejju, 2015***
*01.06.09 – 31.08.09 –* ***30 ta' Novembru, 2015***
*01.09.09 – 30.11.09 –* ***30 ta' Novembru, 2015***
*01.12.09 – 28.02.10 –* ***29 ta' Frar, 2016***
*01.03.10 – 31.05.10 –* ***31 ta' Mejju, 2016***
*01.06.10 – 31.08.10 –* ***31 ta' Awwissu, 2016***
*01.09.10 – 30.11.10 –* ***30 ta' Novembru, 2016***

*Jirriżulta ċar li ladarba l-istimi proviżorji għall-imsemmija perijodi ta' taxxa ġew notifikati fit-**18 ta' April, 2012**, dawn ilkoll inħarġu u ġew notifikati entro t-terminu ta' sitt snin mit-tmiem tal-perijodu ta' taxxa kif previst fil-Liġi. Ladarba l-istimi finali għall-istess imsemmija perijodi ta' taxxa ġew notifikati fil-**15 ta' Ottubru, 2012**, jirriżulta li dawn ukoll inħarġu u ġew notifikati mhux inqas minn tletin ġurnata min-notifika tal-istimi proviżorji u mhux iktar minn sitt xhur min-notifika tal-imsemmija stimi proviżorji.*

*Fid-dawl ta' dan kollu jirriżulta għalhekk li l-ebda waħda mill-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent ma hija perenta.*

*Trattat dan l-aggravju t-Tribunal ser jgħaddi biex jittratta l-appell tar-Rikorrent fil-mertu.*

***Aggravji fil-mertu:***

*Wieħed mill-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu huwa li l-Kummissarju tat-Taxxi jeħtieġlu jispjega kif wasal għall-istimi minnu maħruġa fil-konfront tiegħu. Tali spjega tirriżulta mill-Investigations Audit Report markat Dok. "C" a fol. 34 sa 42 tal-proċess. Minn dan ir-Rapport jirriżulta li l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inkarigati mill-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent ikkonstataw u kkonkludew is-segwenti:*

**Objective of Investigation** – The objective of the investigation was to reconcile the VAT returns against the ledgers, to select the amount of invoices for their conformity with the VAT Act, compare the sales and purchases against the Profit and Loss Account and to arrive to a projected sales figures by estimating the average income from tables occupied. **Tax periods covered** – Tax periods under investigation commence from 01/06/2004 till 31/05/2010. **General background** – Mr Farrugia operates a restaurant "Drive In" which is situated in Triq it-Tamar, Qawra. During the years the seating

capacity was 70 pax but recently, due to high running expenses, Mr Farrugia decided to divide the premises and reduce the seating capacity by half. The restaurant is open from Monday to Sunday in the afternoon but during the months of October to December the restaurant is also opened for Sunday lunches. Mr Farrugia employs 18 part-time workers, but there are only 3 employees during the opening hours, two part timers and owner. **Meetings** – First meeting was held at the VAT Department. Present for the meeting was Mr Charles Fenech who represented Mr Farrugia. An authorisation letter was presented by Mr Fenech signed by Mr Farrugia, allowing Mr Fenech to act on his behalf during this investigation. The assignment was initiated by conducting an interview with Mr Charles Fenech who gave us an introduction about the restaurant and its operations. **Accounting Records** – The company's accounting records are computerised and maintained on Excel Sheets. The proprietor submitted all the accounting documents required. These were submitted to the undersigned by e-mail. We have also checked that all other expenses captured under the heading of services and overheads are backed by the necessary fiscal receipts and Invoices. We re-computed the additions and general arithmetic of the VAT returns and reviewed their reasonableness. The annual sales of the taxpayer are derived from the daily listing of the Z readings of the restaurant. Original copy of journal was also produced. VAT returns are compiled on a quarterly basis. At the beginning of the investigation we requested Mr. Farrugia to supply the VAT return workings which tie up to the VAT returns. The information was supplied and the necessary audit tests were performed. **Reconciliation of bank deposits with turnover –** Bank Statements for HSBC a/c no. 073010803050 (savings account) and BOV a/c no. 14608986017 (Business overdraft) for period January to December 2008 were presented. From the above Bank Statements and accounts, reconciliation between turnover and bank deposits was performed with the following results: Basis Year 2008 – Net Sales as per accounts / VAT returns €168,127, VAT at 18% on Turnover - €30,263 - €198,390. Bank Deposits: HSBC Account - €31,296, BOV Account - €153,425 - €184,721. Excess sales over Deposits €13,669. **Sales & Purchases Analysis – Sales** – Among the requested documents, there were the profit and loss accounts for the years 2005 till 2009. These profit and loss acounts were compared to the VAT returns submitted. The covering period was between December till November of the following year. No discrepancies were noted. A sample exercise comparing the bank deposits to sales recorded in the ledgers was also conducted. The year in question was 2008. The figures in the bank account were less than the sales recorded in sales ledgers. Another exercise was done to establish the deemed sales. This exercise was based on the amount of wine Mr Ruben Farrugia purchased during a particular year. Again the year taken in consideration was 2008. In that year taxpayer bought around 3110

bottles. The workings comprise the following: for every bottle of 70cl/75cl wine it serves 3 persons, while for bottles of 37.5cl the mount of diners was 2. Every person was considered to consume a starter and a main course together with one bottle of water and soft drinks. The cost of this meal including the wine bottle of 75cl for 3 persons was considered to cost around €79.80. While for 2 persons consuming 37.5cl of wine an average of €49.17 (net) was considered. No amounts were calculated for coffee or deserts. These would make up for any person not consuming starters and for any inflationary aspects. In appendix 1 there are presented the workings. Since no price lists regarding platters were produced for the years 2008 as requested by the Department, the workings were based on 2010 price lists. Only the prices for drinks were considered in the workings. Sales were only projected against the purchase of wine. No consideration was taken for tables where clients did not take any wine. The deemed sales were compared to the sales declared in 2008 and this resulted in a 41% under-declaration of sales. This amount was applied for the other tax periods and the amount of VAT under-declared was €59,872. .... **Purchases** – sample of invoices were checked for their correctness and conformity with the Twelfth Schedule and also for the right to deduct as described in the Tenth Schedule. Among the years the exempt purchases were based mostly on meat. The purchase of fish is less than 10% of the exempt purchases. In 2008 it was noted that taxpayer bought an amount of 3250 table cloths and these complement the purchase of wine. In table 2 there were invoices which were found to be not in conformity and these are explained next to the invoice – *vide fol. 39 sa 41 tal-proċess.* **Conclusions** – From the above workings it is clear that the VAT returns did not reflect the 'full and correct statement of the matters' as stated in the VAT Act Chapter 406 Art. 31(1). The VAT on sales was under-declared by €52,872 while there were claims of VAT on which invoices were not properly given. The amount of VAT related to claims is €1,500.52. It is being recommended that Provisional Assessments be raised to adjust the VAT returns accordingly.

*Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tas-27 ta' April, 2015 (fn 16 fol. 195 sa 198 tal-proċess), Noel Borg, l-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inkarigat mill-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent, ikkonferma l-bażi fuq liema inħarġu l-istimi fil-konfront tar-Rikorrent, ossia l-eżerċizzju tal-inbid akkwistat u tat-tvalji tal-karti akkwistati fis-sena 2008. Ikkonferma li l-investigazzjoni saret fir-rigward tas-sena 2008 u dak li rriżulta ġie applikat għas-snin 2006 sa 2010, it-tnejn inklużi. Ikkonferma ulterjorment li meta saret* reconciliation *bejn id-depożiti fil-Bank u l-bejgħ dikjarat, instab li l-bejgħ dikjarat kien iktar mid-depożiti fl-ammont ta' ċirka €13,000. Mistoqsi in kontro-eżami* meta inti sibt li hemm depożiti anqas, ma ħadthiex in konsiderazzjoni fir-rapport tiegħek li allura l-bejgħ ma kienx aktar milli iddikjara? *Noel Borg wieġeb* li kien

hemm huwa li ċertu purchases kienu jsiru cash, allura ma stajniex inqabblu cash mad-deposits. *Mistoqsi mit-Tribunal* meta ħadtu l-2008 bħala s-sena li ħdimtu fuqha, għaliex dik is-sena partikolari meta għandkom bracket mill-2006 sat-2010? *Noel Borg wieġeb* qbadna sena minn dawk is-snin partikolari u ħadna l-2008. *Fuq domanda ulterjuri tat-Tribunal* imma kien hemm raġuni għalfejn dik is-sena u mhux oħra? *Huwa wieġeb* le ma kien hemm ebda raġuni.

*Mill-kontro-eżami tal-imsemmi Noel Borg waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju, 2015 (fn. 17 fol. 200 sa 202 tal-proċess), irriżulta li għall-perijodu ta' taxxa 01.06.08 – 31.08.08 –* kienet daħlet VAT return għal dak il-perijodu imbagħad ġie preżentat VAT return ieħor għal dak l-istess tax period b'ammonti differenti u kienet intalbet u saret correction bl-ammonti tal-aħħar return li ġiet ippreżentata u b'hekk inħareġ l-assessment – *liema stima tinsab esebita a fol. 68 tal-proċess. Fir-rigward Noel Borg iddikjara ulterjorment illi* l-assessment taħt it-T-19, il-correction, kienet mitluba mit-taxpayer jiġifieri jekk kien hemm żieda fis-sales talabhom hu. *Mill-affidavit tal-istess Noel Borg esebit a fol. 205 tal-proċess, irriżulta ulterjorment li* fil-perijodu ta' taxxa 01.06.2008 sa 31.08.2008, id-Dipartiment tal-VAT kien irċieva denunzja fejn irriżulta mid-dikjarazzjoni li s-Sur Farrugia kellu jieħu rifużjoni ta' VAT li tammonta għal €14,303.30. Iktar tard id-Dipartiment kien irċieva denunzja oħra għall-istess perijodu fejn irriżulta li s-Sur Farrugia kellu jħallas ammont ta' €4,677.89 f'VAT. Din l-aħħar denunzja ġiet imdaħħla fis-sistema bħala korrezzjoni għall-ewwel denunzja fejn il-bejgħ kien żdied. Meta d-Dipartiment ħadem il-persentaġġ ta' bejgħ iddikjarat mis-Sur Farrugia fuq is-sena 2008, kien ikkonsidra l-ammonti (li kien hemm fit-tieni denunzja) kif ġew aġġustati permezz tal-korrezzjoni għall-perijodu ta' taxxa 01.06.2008 – 31.08.2008. Li kieku ma sarx hekk il-persentaġġ ta' bejgħ mhux dikjarat li rriżulta mill-investigazzjoni kien jitla' minn 41% għal 72%. Rigward it-tieni mistoqsija jekk id-Dipartiment ħax azzjoni kriminali kontra s-Sur Ruben Farrugia, minix f'pożizzjoni li nirrispondi peress li jiena minix l-uffiċjal li jieħu ħsieb sabiex isiru akkużi kriminali.

*Ir-Rikorrent jirribatti għal dak li rriżulta mill-Investigations Audit Report u mix-xhieda ta' Noel Borg permezz ta' diversi pretensjonijiet u konsegwenti sottomissjonijiet avvanzati tramite x-xhieda tiegħu stess u x-xhieda ta' Dr. Charles Attad kif ukoll fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu a fol. 209 sa 216 tal-proċess.*

***Oneru tal-prova:***

*Fl-ewwel lok hu jikkontendi li* persuna taxxabbli li tappella minn stima ta' taxxa għandha l-oneru li tipprova li dik l-istima hija eċċessiva. It-tip u livell tal-prova mistennija mit-taxpayer f'appelli minn stimi ta' taxxa fuq l-income kienu ġew eżaminati mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fil-każ numru 116 (Appell fuq Income Tax) (Income Tax Decisions

of the Court of Appeal, vol. 3, paġna 304). Il-Qorti qalet: - "Fil-fatt, għall-finijiet tal-prova li l-istima hija eċċessiva, jekk verament tali, huwa bħala regola sufficjenti li t-'taxpayer'jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-korrettezza u l-kompletezza ta' dak li huwa jkun iddikjara jew le talvolta li jikkonċedi entro ċerti limiti biss, xi ommissjonijiet, salv kull spjegazzjoni u korroborazzjoni ulterjuri li talvolta jkun ġustifikat jirrikjedi mingħandu l-appellat. Magħmula din il-prova, ikun imbagħad jispetta lill-appellat li jipproduċi l-provi tiegħu, li t-*taxpayer* jibqa' dejjem fi grad, jekk ikun il-każ, li jikkontrobatti." Minn dan joħroġ li meta l-appellant jikkonferma l-korrettezza tal-prospetti tiegħu, u meta ma jiġi indikat ebda difett f'dawk il-prospetti u ma tiġi indikata ebda ċirkostanza li tikkontradiċi jew tqajjem xi dubju dwar dawk il-prospetti, l-oneru tal-appellant ikun sodisfatt u l-istima tkun trid tiġi mwarrba. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tfisser ukoll illi anke jekk ikun hemm xi difett fil-prospetti li jiġi konċess mill-appellant, l-oneru tal-prova jkun sodisfatt, salv l-aġġustamenti li jkunu jridu jsiru biex jikkoreġu dak id-difett, purké dak id-difett u dik il-konċessjoni jinkwadraw ruħhom f'"ċerti limiti". F'każ fejn jirriżultaw xi ċirkostanzi li jikkontradiċu d-dikjarazzjoni tal-appellanti jew iqajmu dubju dwarha, l-oneru tal-appellant ikun li jressaq provi, fil-kuntest ta' dawk iċ-ċirkostanzi li jirrisolvu dik il-kontradizzjoni jew iwarrbu dak id-dubju. Jiġi sottomess li dawn il-prinċipji japplikaw għal appelli minn stimi ta' VAT bħal ma japplikaw għal appelli minn deċiżjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar stimi ta' income tax. F'dan il-każ, l-esponenti irċieva għoxrin stima tal-VAT li jkopru l-perijodu mill-1 ta' Marzu, 2006 sat-30 ta' Novembru, 2010. Huwa kkontesta dawn l-istimi u kkonferma bl-affidavit u d-depożizzjoni tiegħu l-korrettezza tal-prospetti. Huwa ddikjara li żamm records korretti tal-bejgħ u l-ispejjeż tiegħu u rriżulta li huwa kkoopera *fully* fl-investigazzjoni u ma nstab li kien hemm xejn irregolari fil-kotba. Irriżulta wkoll illi d-depożiti bankarji li kien jagħmel kienu jkunu inqas mill-introjtu rapportat. Kontra d-dikjarazzjoni tal-appellant, l-intimat ipproduċa rapport li sar mill-Ispettur tal-VAT fuq l-investigazzjoni li kien għamel. L-Ispettur tal-VAT qal fir-rapport tiegħu illi l-istimi saru wara li ġabar informazzjoni dwar l-inbid mixtri matul l-2008. Minn din l-informazzjoni l-Ispettur għamel kalkolu ta' deemed sales għal dik is-sena li eċċeda l-valur tal-bejgħ kif dikjarat fil-prospetti tal-esponenti għall-2008 b'41%. Fuq din il-bażi biss, l-ispettur ikkonkluda li l-bejgħ ta' ikel u xorb tal-esponenti għall-ħames snin in kwistjoni kien 41% aktar minn dak dikjarat. Barra minn hekk, l-ispettur tal-VAT identifika xi każijiet fejn tnaqqis dwar input tax reklamat fil-prospetti ma kienx ammissibbli peress li ma kienx kopert b'tax invoices regolari. Fuq dan il-każ ċertu tnaqqis li kien talab l-esponenti fil-prospetti tiegħu ġie magħdud lura fl-istimi.

*It-Tribunal mill-ewwel josserva li taxpayer ma jistax jippretendi li jeżimi ruħhu mill-oneru tal-prova li stima/i maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi hija/huma*

*eċċessiva/i sempliċiment billi jikkonferma bil-ġurament il-prospetti tat-taxxa tiegħu u/jew għaliex iżomm records tan-negozju tajbin u/jew għaliex jikkoopera bis-sħiħ mad-Dipartiment tat-Taxxa konċernat. Din hija, fil-fehma tat-Tribunal, pożizzjoni ferm superfiċjali u sempliċistika li ċertament bl-ebda mod ma tista' tiġġjova lit-taxpayer.*

*Hawn issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***A.B. Co.Ltd vs il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Rik. Nru. 5/10*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010, fejn ġie osservat illi* fis-sistema tal-liġi tagħna hi regola tradizzjonali illi l-oneru tal-provi hu mixħut fuq min jallega fatt favorevoli għas-sostenn tad-dritt invokat minnu. Dan huwa maġġorment hekk taħt il-liġijiet fiskali in kwantu huma dawn li espressament jgħabbu fuq spallejn it-taxpayer dan il-piż. Ara fil-każ tal-liġi dwar it-Taxxa fuq l-Income l-artikolu 35(3) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kapitolu 372) u fil-każ tal-liġi tal-VAT l-artikolu 4(2) u (3) tad-Disa' Skeda. Kif drabi oħra deċiż, dawn id-disposizzjonijiet ifissru illi 'l-inizjattiva hi f'idejh in kwantu l-prova maħsuba biex tikkumbatti d-deduzzjoni tal-Kummissarju hi fil-poter dispożittiv tiegħu' (Edwin Muscat v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Appell, 20 ta' Frar, 2008). Jekk allura 'il-parti tonqos milli tadempixxi ruħha, u dan b'mod konklussiv u konvinċenti, dak il-piż jittraduċi ruħhu fi żvantaġġ għaliha in kwantu l-fatt allegat jibqa' inċert jew il-prova inkombenti fuqha tibqa' insodisfatta' (Martin Pace (B&M Car Hire) v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Appell, 13 ta' Novembru, 2009 u John Gusmann v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Appell, 12 ta' April, 2007). B'kull rispett dovut din il-Qorti ma ssibx li tista' leġġerment taċċetta l-propożizzjoni drabi oħra ventilata illi l-Bord kellu f'kollox u għal kollox joqgħod fuq id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' xi uħud – *anke jekk, iżid dan it-Tribunal, tali xhud ikun it-taxpayer stess.* Verament ma hemm xejn fil-liġi li jobbliga lill-Bord jagħmel dan. Ingħad minn din il-Qorti b'referenza għal records ta' taxpayer illi 'l-fatt li l-kotba tas-soċjetà appellanti ma nstabux li kien fihom irregolaritajiet ma jfissirx bilfors li t-teżi tagħha għaldaqstant tiġi sostenuta.' (Bacchus Co. Ltd. v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud' Appell, 3 ta' Ottubru, 2008). Fil-kuntest il-Qorti rrikollegat ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Income Tax) tas-27 ta' Diċembru, 1960, fejn proprju ġie rilevat illi "il-Bord jista' jidhirlu illi parti mill-kotba hija attendibbli u ta' min jorbot fuqha u parti oħra le, u għalhekk hu jista' jemmen dik il-parti u jiskarta l-parti l-oħra. Din hi diskrezzjoni mogħtija lil kwalunkwe ġudikant u tgħodd għal kull xorta ta' prova."

*Stabbilit dan il-punt it-Tribunal ser jgħaddi issa biex jiddetermina jekk ir-Rikorrent seħħlux jipprova b'mod sodisfaċenti li l-konklużjonijiet raġġunti mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-kuntest tal-investigazzjoni tiegħu għas-sena 2008, ossia li kien hemm* under-declared sales *ta' 41% ma humiex korretti u li per konsegwenza l-*

*istimi maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fil-konfront tiegħu huma eċċessivi.*

***Żewġ stimi għall-perijodu ta' taxxa 01.06.08 – 31.08.08:***

*Il-punto di partenza tar-Rikorrent huwa, jew aħjar kien, l-istima li kienet inħarġet fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fid-19 ta' April, 2012 għall-perijodu ta' taxxa 01.06.08 – 31.08.08, liema stima tinsab esebita a fol. 68 tal-proċess. F'tali stima oħra għal dan l-istess perijodu ta' taxxa in segwitu għall-investigazzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodu 01.06.04-31.05.10, huwa ġie assoġġettat għal taxxa ulterjuri darbtejn. Madanakollu però issa jirriżulta li wara x-xhieda ta' Noel Borg, b'mod partikolari wara l-affidavit tiegħu a fol. 205 tal-proċess, ir-Rikorrent ma għadux qed jinsisti fuq l-aggravju partikolari tant illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu jikkontendi li:* irriżulta li kien sar prospett bin-numru tal-VAT tal-esponenti għall-perijodu 1 ta' Ġunju sal-31 ta' Awwissu, 2008 li kien juri bilanċ ta' taxxa rifondibbli li fil-fatt ma kienx dovut. Kienet inbdiet investigazzjoni mill-Pulizija dwar dan il-prospett iżda din ġiet konkluża sommarjament u ma ttieħdu ebda passi fil-konfront tal-esponenti. Dan peress illi, kif iddikjara l-esponent fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija u kif ikkonferma fl-affidavit tiegħu f'dawn il-proċeduri, dan il-prospett ma kienx sar minnu iżda minn xi ħadd li kien inqeda bin-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu biex abbużivament ikkrea talba għal rifużjoni ta' taxxa. L-esponenti qatt ma ħa u qatt ma talab jew ippretenda rifużjoni ta' taxxa. Huwa ma kellux aċċess għall-informazzjoni li kellha l-Pulizija jew id-dipartiment tal-VAT dwar dak il-każ (għalkemm jissuspetta li dan kien parti minn abbuż li kien jirrigwarda ħafna talbiet oħra foloz għal rifużjonijiet ta' taxxa u li kien suġġett ta' diversi prosekuzzjonijiet kriminali f'dak iż-żmien). Li jaf l-esponenti hu li l-prospett li kien għamel permezz tal-accountant tiegħu Charles Fenech (li ma setax jixhed għax qiegħed it-Tajlandja) kien korrettement juri bilanċ ta' taxxa dovuta lill-Gvern (Dok. C anness mal-affidavit tal-esponenti). Wara l-prospett falz imsemmi fuq, inħarġet stima korrettiva biex tirristabbilixxi l-bilanċ korrett tat-taxxa u l-kwistjoni waqfet hemm. Dik l-istima mhix meritu ta' dan l-appell. Dan l-inċident issemma f'dawn il-proċeduri minħabba biss li l-perijodu ta' taxxa Ġunju sa Awwissu 2008 reġa' ġie kopert b'waħda mill-istimi li qed tiġi kontestata iżda altrimenti ma għandu jkollha ebda influwenza fuq l-appell preżenti *(fn. 18 para. 17 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 212)."*

*Għal kull buon fini t-Tribunal josserva li għall-perijodu ta' taxxa 01.06.08 – 31.08.08 ir-Rikorrent ma kienx assoġġettat għal taxxa ulterjuri darbtejn, kif invece minnu oriġinarjament affermat. Mill-provi prodotti u b'mod partikolari mix-xhieda ta' Noel Borg, jirriżulta li l-istima maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodu ta' taxxa*

*01.06.08 – 31.08.08 fid-19 ta' April, 2010 esebita a fol. 68 tal-proċess, skattat in segwitu għal korrezzjoni mitluba mir-Rikorrent stess, liema korrezzjoni kienet fis-sens li minn dikjarazzjoni ta' rifużjoni a favur tiegħu fl-ammont ta' €14,303.30 tiġi dikjarazzjoni ta' taxxa dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxa fl-ammont ta' €18,981.20. Il-korrezzjoni kif mitluba mir-Rikorrent ġiet aċċettata mid-Dipartiment u nħarġet l-istima in kwistjoni biex, fi kliem ir-Rikorrent stess,* tirristabbilixxi l-bilanċ korrett tat-taxxa. *Dan kollu però bl-ebda mod ma effettwa u jeffettwa s-setgħa tal-Kummissarju tat-Taxxi li jagħmel stima għal dan il-perijodu ta' taxxa partikolari ai termini tal-artikoli 32 u 35 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***Stimi għall-perijodu 2008 u għall-perijodu ta' taxxa fis-snin 2006, 2007, 2009 u 2010: Output Tax:***

*Fir-rigward tal-istimi għall-perijodu 2008 datati 2 ta' Ottubru, 2012 (fn 19 bl-istimi proviżorji maħruġa fl-20 ta' Marzu, 2012), li nħarġu kif ġià aktar 'il fuq osservat a bażi ta' konsiderazzjoni tal-ammont ta' inbid akkwistat mir-Rikorrent tul dak il-perijodu u li minnu nħarġu l-*projected sales *għal dak il-perijodu, ir-Rikorrent jaqbel li l-ammont ta' fliexken tal-inbid li jiġu kkunsmati f'negozju ta' restaurant huwa element rilevanti f'investigazzjoni dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa sottomessi mit-taxpayer iżda, skontu, ma huwiex biżżejjed biex jiġi determinat li l-kotba tan-negozju miżmuma ma humiex korretti. Jikkontendi li biex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu Noel Borg kellu jagħmel numru ta' assunzjonijiet, assunzjonijiet li skont ir-rikorrent ma kinux korretti għaliex* jiġi sottomess per eżempju illi l-aktar ikliet komuni jkunu dawk bi prezz ta' inqas mill-medja tal-menu u barra minn hekk il-prezzijiet rilevanti għall-każ preżenti kienu dawk tal-2008 u mhux tal-2010. L-esponenti fil-fatt xehed li starters ftit li xejn kienu joħorġu u li l-prezz medju ta' kull ikla kien attwalment €19 jew €20 ir-ras *(fn. 20 para. 19 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 213 tal-proċess).*

*It-Tribunal iqis però li din il-pretensjoni tar-Rikorrent ma ġietx minnu debitament u sodisfaċentement ippruvata, iktar u iktar meta huwa stess jitlaq mill-premessa li* l-ammont ta' fliexken ta' inbid li jiġu kkunsmati f'negozju ta' restaurant huwa element rilevanti f'investigazzjonijiet dwar il-korrettezza tal-prospetti tat-taxxa. *Għalkemm ir-Rikorrent jgħid li l-iktar ikliet komuni huma dawk bi prezz ta' anqas mill-medja tal-menu, li l-prezzijiet li kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni kellhom ikunu dawk tal-2008 u mhux tal-2010 u li fil-fatt dak iż-żmien kull ikla kienet tkun ta' madwar €19 jew €20 ir-ras, huwa dan ma ippruvahx.*

*Fl-Investigations Audit Report Noel Borg irrimarka li* since no price lists regarding platters were produced for the year 2008 as requested by the Department, the workings were based on 2010 price lists. Only the prices for drinks were considered in

the workings. Sales were only projected against the purchase of wine *(fn. 21 punt 7 tal-Investigations Audit Report, fol. 37 tal-proċess). Dawn il-*price lists *għas-sena 2008 baqgħu qatt ma ġew sottomessi mir-Rikorrent, lanqas tul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, u għaldaqstant mingħajr xi ħaġa konkreta, ossia informazzjoni konkreta u mhux sempliċi xhieda mogħtija fl-arja (fn. 22 xhieda mogħtija mir-Rikorrent waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju, 2014, fol. 164 sa 171 tal-proċess) kontra liema tista' tiġi kkunsidrata l-investigazzjoni tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, diffiċilment jista' jingħad illi r-riżultanzi ta' dik l-investigazzjoni ma humiex korretti.*

*Għall-fini li jipprova jxejjen l-eżerċizzju esegwit mill-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud biex ħareġ bil-*projected sales *għas-sena 2008, ir-Rikorrent jissottometti wkoll li* l-esponenti ma jillimitax ruħhu għal kritika dwar x'tip ta' investigazzjoni saret iżda jagħmel referenza għall-provi prodotti, u dawn juru pożittivament li l-istimi kienu eċċessivi. Huwa xehed dwar in-negozju tiegħu u pprova illi parti sostanzjali mill-inbid mixtri fl-2008 ma ġietx ikkunsmata ma' ordnijiet tal-ikel. Fost affarijiet oħra huwa xehed: a. Li juża mal-ħames jew sitt ifliexken inbid fil-ġimgħa għat-tisjir; b. Li jagħti inbid, kultant kaxxa sħiħa, bħala rigal lil diversi persuni fil-Milied u okkażjonijiet simili; ċ. Li ġieli jkollu klijenti li jafhom u joffrilhom inbid extra; d. Li huwa personalment kien jixrob kwantità ta' inbid; e. Li bejn l-2007 u l-2011 parti min-negozju tiegħu kienet il-ġestjoni ta' bar *(fn. 23 para. 22 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 213 u 214 tal-proċess).*

*Hawn ukoll it-Tribunal iqis li dak affermat u sottomess mir-Rikorrent ma ġiex minnu debitament ippruvat.*

*Għalkemm ir-Rikorrent iddikjara li fit-tisjir huwa kien juża minn ħames sa sitt fliexken tal-inbid fil-ġimgħa, ċerrtament dan ma kienx l-istess tip ta' inbid li jiġi servut fuq l-imwejjed flimkien mal-ikel li fil-fatt kien it-tip ta' inbid li ttieħed in konsiderazzjoni mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Dan ġie rikonoxxut minn Dr Charles Attard li, in risposta għall-mistoqsija tat-Tribunal* meta dawn ikkalkulaw l-inbid, they calculated across the board, irrispettivament jew għamluha d-distinzjoni? *Wieġeb* le, le kienu kellmuna partikolarment fuq l-inbid tal-mejda. *Bl-istess mod fejn jgħid li ġieli kien jagħti l-inbid bħala rigali jew joffrihom lil xi klijenti, ir-Rikorrent ma ppreżenta l-ebda record ta' dan, record li fil-fehma tat-Tribunal kellu jinżamm minnu, u anke kieku stess dan huwa notevoli, avarja li fi kwalunkwe każ jidher li ttieħdet in konsiderazzjoni waqt l-investigazzjoni peress illi Noel Borg irrimarka li ħa in konsiderazzjoni ċerta fatturi – ossia ma kkalkulax il-café u d-deżerti, biex jagħmel tajjeb għal aspetti oħra, eżempju għal min ma jiħux inbid u għall-*inflationary aspects.

*Ir-Rikorrent u Dr. Charles Attard (fn. 24 xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Frar, 2014, fol. 148 sa 157 tal-proċess) entrambe ddikjaraw li r-Rikorrent huwa, jew tal-anqas fiż-żmien in kwistjoni kien,* alcoholic *u kien jixrob ħafna inbid waqt li jkun ix-xogħol. Ir-Rikorrenti in effetti xehed illi* jiena kont alcoholic, kont nixtrob minn 2 sa 3 fliexken inbid kuljum u għandi jiġifieri nista' nġiblek ċertifikati tat-tobba li l-liver nagħmlu cirrhosis, ilni li qtajtu 3 years minn meta tani l-heart attack *(fn. 25 xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju, 2014, fol. 164 sa 171 tal-proċess). Madanakollu però prova ta' dan ma nġabitx u ċ-ċertifikati li r-Rikorrent qal li għandu u li dispost jesebihom, baqgħu qatt ma ġew esebiti in sostenn tal-allegazzjoni ovvja tiegħu li parti mhux ħażin tal-inbid akkwistat kien jiġi kkunsmat minnu.*

*Ir-Rikorrent u Dr. Charles Attard iddikjaraw ukoll li l-inbid akkwistat ma setax jitqies li kien kollu relatat ma' ikliet peress illi bejn l-2007 u l-2011 ir-Rikorrent apparte r-restaurant kellu wkoll bar adjaċenti. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu r-Rikorrent jissottometti li* ssir enfasi partikolari fuq il-ġestjoni tal-bar. L-esponenti, korroborat minn Charles Attard, xehed li għal ċertu żmien, inkluża s-sena 2008, kien jopera żewġ stabbilimenti konnessi taħt l-istess reġistrazzjoni tal-VAT. Wieħed mill-istabbilimenti kien liċenzjat u operat bħala bar, u prinċipalment bħala wine bar. Dan il-bar ma kienx ġestit b'mod inċidentali għar-restaurant biex jaqdi l-bżonnijiet tal-klijenti li jmorru għall-ikel iżda kien lokal attrezzat u identifikabbli bħala bar. Il-bar kien f'lokal adjaċenti li kien mikri għand l-esponenti sal-2011. Dan il-fatt jibdel ix-xenarju kollu. Ix-xorb li jisserva f'bar ma jisserviex ma' ikel, ħlief forsi ma' xi tnaqqir, u għalhekk l-inbid li ġie kkunsmat fil-bar tul l-2008 ma jistax jissarraf fi prezz tal-ikel (*fn. 26 para. 25 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti, fol. 214 tal-proċess).*

*Fir-rigward Dr Charles Attard xehed illi* jiena kont għedtilhom li l-inbid tal-mejda jiġi servut ukoll fil-bar illi kont spjegajt illi r-restaurant huwa proprjetà tat-taxpayer, però ma ġenbu hemm bar illi fis-sena 2007 sas-sena 2011, dan kien tniffed u kien qed juża l-bar ukoll jiġifieri l-inbid ma huwiex l-eżempju klassiku biex wieħed jaħdem dan it-tip ... fil-fatt meta konna semmejnilhom din fil-conclusion meeting, ma komplewx jitkellmu fuq l-inbid, din tal-inbid reġgħet ħarġet issa f'dan ir-rapport peress li nerġa' ngħid li jiena ma kellix ċans nara l-figuri għall-provisonal assessments minħabba l-hick-up li kien hemm fuq l-indirizz, jien bqajt sal-aħħar fl-għama ma nistax nifhem kif inħadem dan l-assessment. Irrid nippreżenta ... kopja tal-ittri illi ppreżenta l-owner tal-bar u s-Sur Farrugia lil Malta Tourism Authority fejn infurmana illi mit-tali data se jibdew jużaw liċenzja waħda bħala proof illi kien jeżisti l-bar *(fn. 27 xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Frar, 2014, fol. 148 sa 157 tal-proċess).*

*Din ix-xhieda ta' Dr. Charles Attard u d-dokument Dok. "CA1" minnu esebit a fol. 145 tal-proċess però ma jistgħux jitqiesu bħala l-aħjar prova tal-eżistenza ta' dan il-bar. It-Tribunal għandu kull dritt jesiġi mingħand ir-Rikorrent l-aħjar prova dwar dak minnu affermat u allegat, hekk kif provdut fl-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (fn. 28* il-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib*). Id-dokument Dok. 'CA1' li fuqu hija bbażata x-xhieda ta' Dr. Charles Attard, huwa sempliċi fotokopja ta' ittra allegatament mibgħuta minn Michael Calleja lill-Malta Tourism Authority. Dan Michael Calleja però ma tressaqx bħala xhud sabiex jikkonferma l-kontenut ta' dak l-ittra u dak affermat minn Dr. Charles Attard u mir-Rikorrent u li l-istess Rikorrent kien qed jikri dan il-bar mingħandu. Dan in-nuqqas serjament jimpinġi fuq il-valur probatorju tad-dokument Dok. 'CA1' stante li kif diversi drabi enunċjat mill-Qrati nostrali* jekk id-dokument esebit ma jiġix ikkonfermat bil-ġurament [minn min kitbu] ma jiswiex bħala prova tal-kontenut tiegħu (*fn. 29 Xuereb v. Callus, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru, 1983, l-Avukat Dr. Jose' Herrera noe v. Alfred Pace et noe, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru, 2002 u Vastek International Limited v. Engineering and Technology Limited, Ċitaz. Nru. 1003/2000 deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru, 2003), kif ukoll fuq il-veraċità ta' dak allegat u affermat mill-imsemmi Dr. Charles Attard u r-Rikorrent. It-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva ukoll li r-Rikorrent lanqas ressaq bħala xhud rappreżentant tal-Malta Tourism Authority biex jikkonferma li bħala fatt tul is-snin 2007-2011, huwa verament kien qed jiġġestixxi bar oltre r-restaurant.*

*Ir-Rikorrent jikkontendi wkoll illi* hu x'inhu, jibqa' l-fatt li l-eżerċizzju li sar kien superfiċjali. Kieku l-kwantità ta' fliexken tal-inbid mixtrija setgħet tidher prima facie inkompatibbli mal-bejgħ rapportat, din iċ-ċirkostanza kellha, se mai, tagħti lok għal indaġini aktar fil-fond, iżda mhux għall-konklużjoni tal-investigazzjoni. Charles Attard xehed li huwa kien stieden lill-Ispettur tal-VAT jagħmel testijiet oħra, per eżempju billi jiġi eżaminat x'piż ta' ikel inxtara, u ngħata x'jifhem li kien se jsir iżjed stħarriġ f'dak is-sens. Iżda eventwalment irriżulta li l-istimi nħarġu biss fuq l-assunzjonijiet li għamel l-ispettur mit-test tal-inbid. L-uniku fatt invokat fir-rapport bħala korroborazzjoni kienu tablecloths xejn iżda koperti tal-karta. Dan ifisser li jkunu jridu jinbidlu spiss, anke meta l-mejda fejn jitqiegħdu ma tintużax għall-ikel (*fn. 30 para. 20 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 213 tal-proċess).*

*Hawn ukoll it-Tribunal iqis li r-Rikorrent naqas serjament f'dak li jirrigwarda l-prova li l-istima għas-sena 2008 kienet waħda eċċessiva.*

*Jekk hemm metodi u/jew eżerċizzji oħra li jistgħu, skontu, jagħtu stampa iktar veritiera tan-negozju tiegħu u tal-bejgħ magħmul minnu, ma kien hemm xejn x'iżommu milli*

*jressaq tali metodi u/jew eżerċizzji għall-konsiderazzjoni ta' dan it-Tribunal, anzi t-Tribunal fermament jemmen li dak hu proprio li kellu jagħmel ir-Rikorrent. L-unika ħaġa li invece għamel ir-Rikorrent kienet f'li jikkonferma li huwa kien ipprepara dokument li ġie sottomess minn Dr. Charles Attard lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fejn hemm indikat li l-piż tal-ikel f'kull platt, mingħajr però la hu u lanqas l-imsemmi Dr. Charles Attard ma jispjegaw kif tali eżerċizzju effettivament juri li l-eżerċizzju esegwit mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ta riżultat esaġerat. Fir-rigward kull ma qal Dr. Charles Attard kien* l-ewwel ippruvaw il-portions, kelli noqgħod niżnilhom kemm hemm laħam f'kull platt, kemm hemm patata f'kull platt biex imbagħad joħorġu għas-sales, ma wasalniex. Imbagħad ippruvajna l-exercise deposits u sabu li ma kienx hemm over deposits jiġifieri dan l-exercise minn hemmhekk kien ġej. Kien wieħed mill-attentati li ppruvajna naraw kemm huma leali l-accounting ta' dan Charles Fenech li kien qed jagħmel u ppruvawlu t-tests tad-deposits u sabu li dan jiddepożita fil-fatt inqas milli jbiegħ għax lil tal-gass iħallsu mill-cash. Xiri ieħor iħallashom mill-cash għax huma ħasbu li se jsibu iktar deposits milli sales li ma kienx il-każ u fil-fatt qiegħed fir-rapport. *Mistoqsi jispjega iktar dwar l-eżerċizzju tal-porzjonijiet tal-platti, Dr. Charles Attard iddikjara li* mhux qiegħed fir-rapport. Il-fatt illi talbuni nikkostjalhom kull platt kemm jiswa bil-portions u kemm ikun hemm wastages fil-ħaxix u hekk, kien sar l-exercise u nkun nista' nipprovdih, però in verità ma huwiex parti mir-report. Però kien wieħed mill-attentati biex jittestjaw il-lealtà tal-book-keeping. *It-Tribunal josserva li ma ġie esebit l-ebda eżerċizzju stante li, kif ġià osservat, kull ma ġie sottomess hu elenku tal-platti bil-piż tal-ikel u xejn aktar (fn. 31 fol. 178 u 179 tal-proċess).*

*Għalkemm ir-Rikorrent jipprova jxejjen it-test ulterjuri esegwit mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud biex jiġu verifikati r-riżultanzi mill-eżerċizzju tal-akkwist tal-inbid, ossia t-test fuq it-*tablecloths*, u dana billi jgħid illi test ulterjuri mhux idoneji għaliex dawn it-*tablecloths ikunu jridu jinbidlu spiss, anke meta l-mejda fejn jitqiegħdu ma tintużax għall-ikel, *it-Tribunal ma huwiex affattu konvint b'dan l-argument.*

*Kif ġià aktar 'il fuq osservat, ir-Rikorrent ma ppruvax b'mod sodisfaċenti li tul il-perijodu mertu ta' dawn il-proċeduri, jew tal-inqas parti minnu, huwa kien qed jiġġestixxi bar apparte mir-restaurant u għalhekk it-*tablecloths *ikkunsidrati mid-Dipartiment għandhom jitqiesu bħala wżati fuq imwejjed lesti għall-ikel. Essendo dan il-każ ma jagħmel l-ebda sens loġiku li tali tvalji, anke jekk tal-karti, jinbidlu ta' spiss waqt l-ikla għar-raġuni li dan ikun ifisser li l-mejda li tkun armata għall-ikel trid tiżżarma kull darba bil-klijenti bilqiegħda mal-mejda, ħaġa li ċertament ma ssirx sakemm ma jkunx hemm raġuni impellenti għal dan, bħal ad eżempju li jinqaleb xi xorb fuq il-mejda u t-tvalja ssir inutilizzabbli, ċirkostanza din li żgur ma tiġrix fuq kull mejda waqt kull ikla.*

*Fid-dawl ta' dan għalhekk it-Tribunal iqis li t-test ulterjuri esegwit mill-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud huwa idoneju u sodisfaċentement jikkorrobora l-eżerċizzju esegwit fir-rigward tal-akkwist tal-inbid tul is-sena 2008 u b'hekk jikkonferma li tali eżerċizzju u r-riżultanzi relattivi huma fil-fatt korretti.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk it-Tribunal iqis li r-Rikorrent ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfaċenti li l-eżerċizzju esegwit mill-Ispettur tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għas-sena 2008 biex wasal għall-*projected sales *tar-Rikorrent kien żbaljat u b'hekk ta riżultanzi esaġerati.*

***Riżultanzi għas-sena 2008 applikati għas-snin 2006, 2007, 2009 u 2010:***

*Ir-Rikorrent jikkontesta l-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi adotta r-riżultanzi relattivi għas-sena 2008 għas-snin 2006, 2007, 2009 u 2010. Fil-fehma tar-Rikorrent il-Kummissarju tat-Taxxi ma kellux u ma setax japplika* under-declared sales *ta' 41% għall-imsemmija snin stante li* l-każ quddiem dan it-Tribunal huwa wieħed dwar stimi li nħarġu mingħajr ma ġew riskontrati ebda irregolaritajiet fil-prospetti u l-kotba tal-esponenti u mingħajr ma ġiet indikata imqar ċirkostanza waħda li tqajjem xi dubju jew li tirrikjedi xi spjegazzjoni dwar dawk il-prospetti u kotba. Għall-kuntrarju, jirriżulta mir-rapport tal-Ispettur tal-VAT stess li "*Taxpayer cooperated fully at the beginning and during the course of the investigation*" li "*The proprietor submitted all accounting documentation required*" li ma rriżultaw ebda diskrepanzi. Għalhekk iż-żieda ta' 41% mal-bejgħ dikjarat fil-prospetti għal dawk l-erba' snin kienet kapriċċuża u għal kollox barra minn lokha. L-esponenti kkonferma bl-affidavit u bid-depożizzjoni tiegħu l-korrettezza ta' dawk il-prospetti u, fid-dawl tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-każ fuq ċitat, dik il-konferma bil-ġurament hija fiċ-ċirkostanzi msemmija prova suffiċjenti li, in kwantu jżidu l-valur tal-bejgħ dikjarat u l-output tax dovut, l-istimi huma eċċessivi (*fn. 32 para. 14 u 15 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 211 tal-proċess).*

*L-argument imressaq mir-Rikorrent però ma huwiex sostenibbli stante li kif ġià osservat iktar 'il fuq ma tistax u ma għandhiex tiġi aċċettata leġġerment il-propożizzjoni li l-Kummissarju tat-Taxxi, f'dan l-istadju anke t-Tribunal, għandu joqgħod f'kollox u għal kollox fuq id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' xi xhud, anke jekk dan ikun it-taxpayer innifsu. In kwantu rigwarda mbagħad ir-records tat-taxpayer, ossia tar-Rikorrent, il-fatt li l-kotba tiegħu ma nstabx li kien fihom irregolaritajiet ma jfissirx bilfors li d-denunzji tat-taxxa tiegħu huma kompluti u veritieri u li kwalunkwe stima maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) hija esaġerata. Id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) kellu kull dritt li joqgħod fuq parti tal-kotba iżda jiskarta parti oħra u jekk it-taxpayer jibqa' jinsisti li r-records tiegħu ma fihomx irregolaritajiet u li l-istimi*

*maħruġa kontrih huma esaġerati, hekk kif qed jagħmel ir-Rikorrent fil-każ in eżami, jeħtieġ jipprova dak minnu allegat, prova din li fil-każ in eżami assolutament ma saritx.*

*It-Tribunal ġià sab li, anke minħabba l-fatt li r-Rikorrent ma seħħlux jipprova mod ieħor, il-konklużjonijiet raġġunti mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) dwar is-sena 2008 ma humiex żbaljati u li per konsegwenza l-istimi maħruġa għall-perijodi ta' taxxa pertinenti għal dik is-sena ma humiex esaġerati. F'tali ċirkostanza għalhekk kien jispetta lir-Rikorrent jipprova li nonostante dak li rriżulta mill-investigazzjoni hekk ibbażata fuq is-sena 2008, dawk ir-riżultanzi ma setgħux jiġu applikati għas-snin l-oħra, ossia 2006, 2007, 2009 u 2010, għaliex il-bejgħ magħmul matul dawk is-snin kien inqas mill-* projected sales *maħruġa mid-Dipartiment, prova li, jiġi ribadit, f'dan il-każ assolutament ma saritx.*

***Stimi għall-perijodi ta' taxxa 01.06.10 – 31.08.10 u 01.09.10 – 30.11.10:***

*Hemm fattur wieħed li t-Tribunal jaqbel dwaru mar-Rikorrent u dan huwa l-fatt li minkejja li l-investigazzjoni kienet fir-rigward tal-perijodi ta' taxxa minn 01.06.04 sa 31.05.10, iż-żewġ perijodi inklużi, id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ħareġ stimi anke għall-perijodi ta' taxxa 01.06.10 – 31.08.10 u 01.09.10 sa 30.11.10, mingħajr ma avża lir-Rikorrent li l-investigazzjoni kienet qed tiġi estiża għal dawn il-perijodi wkoll.*

*Huwa fatt pjuttost komuni f'investigazzjonijiet fil-konfront ta' taxpayer li fil-kors tal-investigazzjoni u abbażi ta' dak li jkun qed jirriżulta, id-Dipartiment tat-Taxxi konċernat jiftaħ l-istess investigazzjoni għal perijodi oltre dawk oriġinarjament prefissi. Huwa komuni u l-Kummissarju għandu kull dritt jagħmel dan iżda, it-Tribunal huwa fermament tal-fehma li biex tali estensjoni u żieda ta' perijodi ta' taxxa tkun valida, ġusta u fir-rispett sħiħ tad-drittijiet tat-taxpayer, l-istess taxpayer għandu jiġi infurmat b'tali estensjoni fil-kors tal-investigazzjoni u jingħata l-opportunità jiddefendi lilu nnifsu fir-rigward tad-denunzji tat-taxxa minnu sottomessi għal tali perijodi ta' taxxa aġġuntivi wkoll, ħaġa li d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ma għamilx f'dan il-każ.*

*Mill-atti proċesswali, senjatament mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxi, jirriżulta li permezz ta' avviż datat 7 ta' Settembru, 2010 (fn. 33 Dok. 'B' a fol. 32 tal-proċess) id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għarraf lir-Rikorrent li* għall-finijiet tal-artikolu 53 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud 1998, int mitlub tippreżenta l-kotba u dokumenti oħra tan-negozju tiegħek sabiex ikunu spezzjonati minn uffiċjali tad-Dipartiment. Għaldaqstant, inti ġentilment mitlub tipprovdi d-dokumenti hawn taħt imsemmija: Il-Kotba tax-xiri mill-01/06/2004-31/05/2010, il-

kotba tal-Bejgħ mill-01/06/2004-31/05/2010, riċevuti u fatturi ta' Bejgħ u Xiri għall-istess perijodi u Profit and Loss accounts għall-istess perijodi. Rendikont bankarju mill-2004 sa Mejju 2010. *Minn imkien ma jirriżulta li d-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) b'xi mod għarraf lir-Rikorrent li l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu kienet qed tiġi estiża wkoll għall-perijodi 01.06.10 – 31.08.10 u 01.09.10 – 30.11.10 anzi jirriżulta ċar li l-inklużjoni ta' dawn iż-żewġ perijodi ta' taxxa kienet deċiżjoni arbitrarja tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) li ttieħdet fl-għeluq tal-investigazzjoni minn wara dahar ir-Rikorrent.*

*It-Tribunal huwa fermament tal-fehma li irrispettivament mill-fatt jekk id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) kienx korrett fl-evalwazzjonijiet tiegħu, hu qatt ma seta' jabbuża mill-poteri u setgħat tiegħu u jinvestiga lir-Rikorrent fir-rigward ta' perijodi ta' taxxa partikolari mingħajr ma javża lill-istess Rikorrent u jagħtih opportunità sħiħa jiddefendi lilu nnifsu. Konsegwentement għalhekk ladarba l-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.06.10 – 31.08.10 u 01.09.10 – 30.11.10 inħarġu fir-rigward ta' perijodi ta' taxxa li kienu* outside the scope *tal-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent, it-Tribunal iqis li l-istess għandhom jiġu kkanċellati u revokati.*

***Input Tax:***

*Apparte mill-element ta' output tax, l-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodi ta' taxxa 01.03.06 – 31.05.06, 01.09.06 – 30.11.06, 01.12.06 – 28.02.07, 01.03.07 – 31.05.07, 01.12.07 – 31.12.07, 01.01.08 – 29.02.08, 01.03.08 – 31.05.08, 01.06.08 – 31.08.08, 01.09.08 – 30.11.08 jittrattaw u jirriflettu wkoll element ta' input tax. Fir-rigward ir-Rikorrent jikkontendi li* jikkonċedi illi għal dawk id-deduzzjonijiet imniżżla fit-Table 2 tar-Rapport tal-Ispettur tal-VAT li jaqgħu fil-perijodi ta' taxxa li dwarhom inħarġu stimi, huwa ma kellux fatturi li jikkwalifikaw bħala tax invoices għall-finijiet tat-Tnax-il Skeda tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Dawn jirrigwardaw prinċipalment xiri ta' ċilindri tal-gass. Dan ifisser li hemm lok għal xi aġġustament fil-krediti dwar input tax kif indikat fil-kaxxa 34 u fil-kaxxa 39 tal-istimi rispettivi għal total ta' €1,426.20 (l-ewwel żewġ invoices fit-Table 2 huma dwar perijodi li mhumiex koperti bl-istimi u li għalhekk ma humiex rilevanti għal dan l-appell). Mhux il-każ, però, li jiġu imposti penali amministrattivi. L-esponenti spjega r-raġuni għal dan in-nuqqas, u ċioé l-mod ta' kif kien jiġi provvist il-gass mid-distributur. Huwa ħaseb li se jkun jista' jirregolarizza l-pożizzjoni u pprova jġib tax invoices mingħand il-fornituri iżda ma rnexxilux. Il-kwistjoni hija dwar riċevuti li ma jikkwalifikawx bħala tax invoices u għalhekk hemm il-prova li l-ispejjeż fil-fatt saru. L-ammont involut mhux materjali u d-difett huwa ristrett għal xiri ta' gass u dovut għal ċirkostanzi partikolari. Mhemmx indikazzjoni ta' qerq jew ta' xi prattika illegali li

tindika li l-kotba tal-esponenti huma inattendibbli. Jiġi rilevat b'mod partikolari illi l-inammissibilità ta' deduzzjonijiet dwar xiri ta' ċilindri tal-gass hija għal kollox estranea għall-kwestjoni prinċipali f'dan l-appell, li hija dwar il-valur tal-bejgħ u l-output tax li ġie stmat mill-intimat. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-esponenti jissottometti illi l-inammissibilità tad-deduzzjonijiet in kwistjoni hija konċessjoni li tinkwadra ruħha f''ċerti limiti' kif kontemplata fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fuq ċitata (Każ Nru. 116 – Appelli fuq Income Tax, Income Tax Decisions of the Court of Appeal – Vol. 3, paġna 304), u li ċioé ma tippreġudikax il-validità tad-dikjarazzjoni tiegħu dwar il-korrettezza tal-prospetti bħala prova tal-istimi tal-output tax huma eċċessivi, salv biss l-aġġustamenti msemmija fid-deduzzjonijiet tal-output tax (*fn. 34 para. 7 sa 11 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 210 sa 211 tal-proċess).*

*It-Tribunal hawn ukoll ma jaqbilx bl-iktar mod assolut mas-sottomissjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tar-Rikorrent.*

*Jibda biex jiġi osservat li l-element ta' input tax ma jirrigwardax biss fatturi relattivi għall-akkwist ta' gass iżda jirrigwarda wkoll xiri ieħor magħmul mir-Rikorrent fejn irreklama kreditu għal input tax mingħajr ma ġġustifika din it-talba tiegħu. In effetti għalkemm bħala inċidenza jista' jkun hemm fatturi ta' xiri ta' gass minn ta' xiri ieħor, bħala quantum ta' input tax, ix-xiri l-ieħor jisboq ix-xiri ta' gass. B'hekk l-argument miġjub mir-Rikorrent li in verità jirrigwarda x-xiri ta' gass biss biex jipprova jimminimizza l-implikazzjonijiet ta' kreditu għal input tax reklamat li ma ġiex minnu sostanzjat, ma għandux u ma jistax jitqies bħala sodisfaċenti biex tiġi ridotta jekk mhux addirittura mneħħija t-taxxa/penali amministrattiva imposta fuq dan l-element partikolari (mis-sottomissjonijiet tar-Rikorrent joħroġ ċar li issa dan huwa l-punt fuq liema qed jenfasizza).*

*Mill-artikolu 42 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta ferm ċar li taxxa/penali amministrattiva tista' tinħafer jekk it-taxpayer ikollu skużanti raġonevoli għan-nuqqas tiegħu. Fil-każ in eżami però t-Tribunal iqis li l-imputat ma ressaq l-ebda skużanti raġonevoli biex jissostanzja d-dikjarazzjoni biż-żejjed tal-kreditu għal input tax fid-denunzji tat-taxxa tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.03.06 – 31.05.06, 01.09.06 – 30.11.06, 01.12.06 – 28.02.07, 01.03.07 – 31.05.07, 01.12.07 – 31.12.07, 01.01.08 – 29.02.08, 01.03.08 -0 31.05.08, 01.06.08 – 31.08.08, 01.09.08 – 30.11.08.*

*Fir-rigward tal-kreditu ta' input tax il-Liġi hija ċara. Dan ma huwiex xi dritt awtomatiku tat-taxpayer iżda huwa jedd regolat bil-Liġi senjatament bl-artikolu 22(5) tal-kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:* id-dritt ta' kreditu ta' input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax hija attribwibbli għall-provisti huwa suġġett għall-kondizzjonijiet,

limitazzjonijiet, reviżjonijiet u aġġustamenti mniżżla fl-Għaxar Skeda. *Mill-provvedimenti tal-Għaxar Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta ferm ċar li biex kreditu għal input tax jiġi milqugħ, irid ikun sostanzjat b'fatturi ta' taxxa, liema fatturi ta' taxxa jridu jkunu kif previst fit-Tnax-il Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Mill-Investigations Audit Report jirriżulta ċar li l-kreditu għal input tax reklamat mir-Rikorrent fil-perijodi ta' taxxa 01.03.06 – 31.05.06, 01.09.06 – 30.11.06, 01.12.06 – 28.02.07, 01.03.07 – 31.05.07, 01.12.07 – 31.12.07, 01.01.08 – 29.02.08, 01.03.08 – 31.05.08, 01.06.08 – 31.08.08, 01.09.08 – 30.11.08 ma ġiex aċċettat għaliex ma kienx hemm fatturi ta' taxxa jew tal-inqas fatturi ta' taxxa li jgħajtu lir-Rikorrent jew għaliex il-fatturi ta' taxxa sottomessi ma kinux ai termini tat-Tnax-il Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dawn in-nuqqasijiet ma jistax ikun hemm – u fil-każ in eżami ma hemmx – skużanti raġonevoli in bażi għal liema tista' tinħafer it-taxxa/penali addizzjonali imposta fuq ir-Rikorrent mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud).*

*Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:*

1. *Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-aggravju tan-nullità tal-istimi maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fil-konfront tar-Rikorrent, in kwantu dan l-aggravju ġie rtirat mill-istess Rikorrent;*
2. *Jiċħad l-aggravju tal-perentorjetà tal-istimi maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fil-konfront tar-Rikorrent u jiddikjara li l-istimi nħarġu u ġew notifikati lir-Rikorrent entro t-termini previsti fl-artikolu 32 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta;*
3. *Fil-mertu, jilqa' l-appell tar-Rikorrent limitatament in kwantu jirrigwarda l-perijodi ta' taxxa 01.06.10 – 31.08.10 u 01.09.10 – 30.11.10 u konsegwentement iħassar u jirrevoka l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għal dawn iż-żewġ perijodi ta' taxxa, iżda jiċħdu in kwantu rigwarda l-perijodi ta' taxxa 01.03.06 – 31.05.06, 01.06.06 – 31.08.06, 01.09.06 – 30.11.06, 01.12.06 – 28.02.07, 01.03.07 – 31.05.07, 01.06.07 – 31.08.07, 01.09.07 – 30.11.07, 01.12.07 – 31.12.07, 01.01.08 – 29.02.08, 01.03.08 – 31.05.08, 01.06.08 – 31.08.08, 01.09.08 – 30.11.08, 01.12.08 – 28.02.09, 01.03.09 – 31.05.09, 01.06.09 – 31.08.09, 01.09.09 – 30.11.09, 01.12.09 – 28.02.10, 01.03.10 – 31.05.10, 01.06.10 – 31.08.10, 01.09.10 – 30.11.10 u minflok jikkonferma l-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent għal dawn l-imsemmija perijodi ta' taxxa.*

   *Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati in kwantu għal 2/3 mir-Rikorrent u 1/3 mill-Kummissarju tat-Taxxi."*

## L-Appell

9. Ir-Rikorrent ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fil-21 ta' Ġunju, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tibdel, tvarja, u tirriforma s-sentenza appellata ta' nhar it-3 ta' Ġunju, 2021 fl-ismijiet premessi u konsegwentement:*
>
> *(1) Tikkonferma tali sentenza appellata in kwantu astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-aggravju tan-nullità tal-istimi maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fil-konfront tal-esponenti, in kwantu dan l-aggravju ġie rtirat mill-istess esponenti;*
>
> *(2) Tikkonferma tali sentenza appellata in kwantu ċaħdet l-aggravju tal-perentorjetà tal-istimi maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) fil-konfront tal-esponenti u ddikjarat li l-istimi nħarġu u ġew notifikati lill-esponenti entro t-termini previsti fl-artikolu 32 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *(3) Tikkonferma tali sentenza appellata in kwantu laqgħet l-appell tal-esponenti in kwantu jirrigwarda l-perijodi ta' taxxa 01.06.10 – 31.08.10 u 01.09.10 – 30.11.10 u konsegwentement it-Tribunal ħassar u rrevoka l-istimi maħruġa fil-konfront tal-esponenti;*
>
> *(4) Tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet l-appell tal-esponenti in kwantu rigwarda l-perijodi ta' taxxa 01.03.06 – 31.05.06, 01.06.06 – 31.08.06, 01.09.06 – 30.11.06, 01.12.06 – 28.02.07, 01.03.07 – 31.05.07, 01.06.07 – 31.08.07, 01.09.07 – 30.11.07, 01.12.07 – 31.12.07, 01.01.08 – 29.02.08, 01.03.08 – 31.05.08, 0.06.08 – 31.08.08, 01.09.08 – 30.11.08, 01.12.08 – 28.02.09, 01.03.09 – 31.05.09, 01.06.09 – 31.08.09, 01.09.09 – 30.11.09, 01.12.09 – 28.02.10, 01.03.10 – 31.05.10, 01.06.10 – 31.08.10, 01.09.10 – 30.11.10, u minflok tilqa' l-istess appell u konsegwentement tħassar u tirrevoka tali stimi maħruġa fil-konfront tal-esponenti;*
>
> *(5) Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi."*

10. L-appellant spjega li huwa ħass ruħhu aggravat bis-sentenza appellata għaliex (i) fil-it-Tribunal għamel konsiderazzjonijiet u enunċjazzjonijiet żbaljati

fir-rigward tal-oneru tal-prova f'każijiet bħal dak odjern; (ii) it-Tribunal għamel konsiderazzjonijiet u enunċjazzjonijiet żbaljati fir-rigward tal-piż tal-prova tal-Investigations Audit Report anness mar-risposta tad-Direttur Ġenerali appellat u fir-rigward tal-provi mressqa mill-appellant; (iii) it-Tribunal żbalja fil-konsiderazzjonijiet u enunċjazzjonijiet legali tiegħu dwar l-istejjem maħruġa mid-Direttur Ġenerali appellat.

11. L-appellant spjega r-rikors tal-appell tiegħu billi qal li l-punt tat-tluq tiegħu fis-sottomissjonijiet li għamel quddiem it-Tribunal, kien skont dak li jipprovdi l-artikolu 2(2) tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406, li persuna taxxabbli li tappella minn stima ta' taxxa, għandha l-oneru li tipprova li dik l-istima hija eċċessiva. L-appellant staqsa però x'inhu t-tip u l-livell tal-prova li t-*taxpayer* huwa mistenni li jġib f'każijiet bħal dawn? L-appellant qal li l-konsiderazzjonijiet u l-enunċjazzjonijiet magħmula mit-Tribunal huma għal kollox żbaljati, u dan għaliex b'dak li qal it-Tribunal donnu ried jimplika li jkun inutli li *taxpayer* jixhed u jżomm rendikonti tajbin, għaliex anke f'dawn il-każijiet, it-Tribunal iqis li t-*taxpayer* ma jistax jeżimi ruħhu mill-oneru tal-prova. Kompla jgħid li b'din il-pożizzjoni t-Tribunal ħoloq sitwazzjoni fejn stima ta' taxxa ma tistax tiġi kkontestata u *taxpayer* li jkun qiegħed jappella ma jkunx jista' jirribatti bl-ebda mod l-istima maħruġa. Qal li dan ifisser li *taxpayer* qatt ma jista' jġib provi suffiċjenti biex jirribatti l-istimi li jsiru. L-appellant żied jgħid li anki s-sentenza ċċitata mit-Tribunal stess fid-deċiżjoni tiegħu ma tgħidx li l-pożizzjoni legali hija daqshekk riġida, iżda tgħid biss li t-Tribunal għandu diskrezzjoni li ma joqgħodx fuq ix-xhieda u lanqas fuq dokumenti, għalkemm din hija diskrezzjoni mogħtija lill-ġudikant f'kull tip ta' ġudizzju. Qal ukoll li s-sentenza ċċitata minnu twassal

għal ġudizzju aktar sobriju u bilanċjat, għaliex taħseb għal *shift* fl-oneru tal-prova minn fuq il-*taxpayer,* li meta jikkonferma u juri li d-dħul dikjarat huwa wieħed korrett, anke jekk jikkonċedi li seta' kien hemm xi żbalji, l-oneru tal-prova jdur fuq id-Direttur Ġenerali appellat sabiex iressaq il-provi li fuqhom ikun ibbaża l-istejjem tiegħu. L-appellant qal li dan għandu jkun l-istat tal-liġi, għaliex altrimenti ser naslu f'sitwazzjoni fejn l-istejjem ma jkunu jistgħu jiġu ribattuti bl-ebda mod, anke jekk dawn ikunu bbażati fuq ħafna assunzjonijiet. L-appellant qal li ladarba l-*taxpayer* jkun ikkonferma l-korrettezza tal-prospetti tiegħu, u ladarba ma jkun ġie indikat l-ebda difett f'dawk il-prospetti, u ma tiġi indikata l-ebda ċirkostanza li tikkontradixxi jew tqajjem xi dubju dwar dawk il-prospetti, u fejn il-*taxpayer* jkun ta spjegazzjoni għaliex l-istejjem maħruġa fil-konfront tiegħu m'għandhomx mis-sewwa, l-oneru tal-appellant ikun ġie sodisfatt u l-istima tiġi mħassra.

12. L-appellant fisser it-tieni aggravju tiegħu billi għamel riferiment għall-*Investigations Audit Report* ippreżentat mill-appellat flimkien mar-risposta tiegħu. Qal li t-Tribunal fis-sentenza tiegħu, ta affidament għami lil dan id-dokument, filwaqt li qies mhux sodisfaċenti kull xhieda u stqarrija mogħtija mill-appellant. Kompla jgħid li t-trattament mogħti lill-provi mressqa miż-żewġ partijiet mhux ugwali. L-appellant spjega t-tieni aggravju tiegħu bħala wieħed maqsum fi tnejn, u qal li d-dokument imsemmi ma kellux jingħata l-affidament li ngħata mit-Tribunal, u l-provi mressqa miż-żewġ partijiet ma ngħatawx trattament ugwali, bi preġudizzju għall-pożizzjoni tal-appellant.

13. L-appellant qal li d-dokument indikat bħala 'Dok. Ċ' mhux prova

attendibbli skont il-liġi, għaliex ġie redatt minn żewġ uffiċjali tad-Direttur Ġenerali appellat, u ġie *reviewed* mill-Ispettur Kevin Mifsud. Qal li minn dawn it-tliet uffiċjali, kien biss wieħed, Noel Borg, li xehed fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, filwaqt li l-ebda uffiċjal ieħor ma xehed jew ikkonferma dan id-dokument bil-ġurament. Qal ukoll li dan id-dokument jagħmel riferiment għal dokumenti oħra, bħal ma huma l-volumi tax-xiri ta' inbid u tvalji mill-appellant fis-sena 2008, imma l-ebda dokument illi jikkonferma dawn l-ammonti ma ġie esebit jew anness. Qal ukoll li l-Qrati għandhom jistrieħu fuq l-aħjar prova, u f'dawn iċ-ċirkostanzi d-Direttur Ġenerali appellat naqas milli jressaq l-aħjar prova kif titlob il-liġi. Qal ukoll li għalhekk it-Tribunal kien żbaljat meta bbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq dan ir-rapport, u almenu kien meħtieġ li r-rapport jiġi kkonfermat bil-ġurament minn kull min ikkompilah, u jiġu pprovduti d-dokumenti li l-konklużjonijiet fir-rapport ġew ibbażati fuqhom.

14. L-appellant qal li t-Tribunal kien iebes ferm miegħu, u fil-konfront tiegħu ħa pożizzjoni differenti minn dik li ħa fil-konfront tal-appellat. L-appellant għamel riferiment għal (a) dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal ma emminx, mingħajr ma ta raġuni valida, ix-xhieda tal-appellant fir-rigward tal-konsum tal-inbid u l-prezz tal-ikel ikkunsmat; (b) dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal ma emminx ix-xhieda tal-appellant dwar il-konsum tal-inbid fit-tisjir, u dwar l-għoti ta' rigali minnu personali; (ċ) dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal ma emminx, mingħajr ma ta raġuni valida, ix-xhieda jew is-sottomissjonijiet tal-appellant dwar l-operat tal-bar u dwar l-użu tat-tvalji tal-karti; (d) kif ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal ma emminx is-sottomissjoni tal-appellant li d-Direttur Ġenerali appellat ma setax jaqbad u japplika mingħajr verifika r-

riżultanzi kollha tas-sena 2008 għas-snin 2006, 2007, 2009 u 2010. L-appellant qal li t-Tribunal insista fuq l-aħjar prova, imma naqas milli japplika dan il-prinċipju fil-konfront taż-żewġ partijiet.

15. It-tielet aggravju tal-appellant huwa fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet u l-enunċjazzjonijiet legali dwar l-istejjem li saru mid-Direttur Ġenerali appellat. Qal li f'dan il-każ inħarġu mal-għoxrin stima, li jkopru l-perijodu mill-1 ta' Marzu, 2006 sat-30 ta' Novembru, 2010. Qal li huwa kkontesta dawn l-istejjem u kkonferma bl-*affidavit* u bid-depożizzjoni tiegħu l-korrettezza tal-prospetti, u li hu min-naħa tiegħu żamm *records* tal-bejgħ u tal-ispejjeż tiegħu, filwaqt li rriżulta wkoll li huwa kien ikoopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni li saret. Qal li mill-investigazzjoni rriżulta wkoll li d-depożiti li kien jagħmel kienu inqas mill-introjti rappurtati. Qal li sabiex jirribatti d-dikjarazzjonijiet tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellat ipproduċa rapport fejn qal li l-istejjem saru wara li nġabret informazzjoni dwar l-inbid li nxtara matul l-2008. Qal li minn din l-informazzjoni, l-Ispetturi għamlu kalkolu ta' *deemed sales* għal dik is-sena, li eċċeda l-valur tal-bejgħ kif dikjarat fil-prospett tal-appellant b'41%. Kompla jgħid li abbażi ta' dan, l-ispettur ikkonkluda li l-bejgħ tal-ikel u xorb tal-appellant għall-ħames snin in kwistjoni kien ta' 41% iktar minn dak dikjarat. Kompla jgħid li l-Ispetturi għamlu wkoll assunzjoni dwar konsum ta' inbid, fejn flixkun kbir kien ifisser li kien hemm tlieta min-nies qegħdin jieklu għand l-appellant, filwaqt li flixkun żgħir kien ifisser li kien hemm tnejn min-nies mal-mejda. Qal ukoll li dawn għamlu assunzjoni ulterjuri marbuta mal-prezz tan-nefqa għal kull ikla, fejn l-uffiċjali innutaw li matul l-2008 l-appellant xtara 3,250 tvalja tal-karti, u minn hawn ikkonkludew li dawn jikkomplimentaw ix-xiri tal-inbid. Qal li filwaqt li ma saru l-

ebda investigazzjonijiet dwar l-inbid mixtri fl-2006, l-2007, l-2009 u l-2010, madanakollu d-Direttur Ġenerali appellat ikkonkluda li ż-żieda ta' 41% li deherlu li kellha ssir minħabba l-kwantità ta' fliexken tal-inbid mixtrija fl-2008, kellha tiġi applikata wkoll għal dawk l-erba' snin l-oħra, u fil-fatt inħarġu stimi ta' taxxa fuq din il-baż għall-perijodi ta' taxxa kollha li jaqgħu matul il-ħames snin in kwistjoni. L-appellant qal li huwa kkontesta l-konklużjonijiet li dderiva l-Ispettur tal-VAT mix-xiri tal-inbid għall-2008, u għas-snin 2006, l-2007, l-2009 u l-2010, l-istejjem nħarġu mingħajr ma ġew riskontrati ebda irregolaritajiet fil-prospetti u l-kotba tal-appellant, u mingħajr ma ġiet indikata imqar ċirkostanza waħda li tqajjem dubju jew li tirrikjedi xi spjegazzjoni dwar dawk il-prospetti u kotba. Qal li ma saret l-ebda investigazzjoni empirika dwar ix-xiri tal-inbid f'dawn is-snin, iżda l-bejgħ dikjarat ġie awmentat b'41%. Qal li huwa ilmenta mill-mod kif saru dawn l-istejjem fil-konfront tiegħu, u bix-xhieda tiegħu wera li l-eżerċizzju li sar mill-uffiċjali tad-Direttur Ġenerali appellat mhuwiex wieħed attendibbli. Qal li għalkemm ix-xiri tal-inbid seta' jiġi stabbilit bħala fatt, id-Direttur Ġenerali appellat ma ġab l-ebda prova empirika li l-inbid li nxtara fl-2008 ġie kkunsmat f'dik is-sena, u li ma kienx fadal inbid minn ta' dik is-sena għas-sena ta' wara. Qal li lanqas l-assunzjoni li flixkun inbid kbir ifisser li kielu tlieta min-nies u li flixkun inbid żgħir ifisser li kielu tnejn min-nies m'hija tajba. Qal li fix-xhieda tiegħu huwa spjega kif parti l-kbira mill-inbid mixtri fl-2008 ma ġiex ikkunsmat mal-ikel, u spjega li parti mill-inbid intuża għat-tisjir, bħala rigali, u għall-konsum personali, filwaqt li bejn l-2007 u l-2011 huwa kien ukoll jiġġestixxi bar, u għalhekk parti mix-xorb kien jiġi kkunsmat mal-bar u mhux mal-ikel. Qal li minkejja li din ix-xhieda tiegħu ma ġietx ikkontestata mid-Direttur Ġenerali appellat, it-Tribunal xorta waħda ma emminx lill-appellant u qagħad fuq l-

assunzjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali appellat.

16. L-appellant qal li huwa pprova li l-istima li ta' tlieta min-nies jieklu għal kull flixkun inbid kbir u tnejn min-nies jieklu għal kull flixkun żgħir hija stima eċċessiva, u li huwa raġonevoli li jintqal li dan l-eżerċizzju magħmul mid-Direttur Ġenerali appellat mhuwiex wieħed attendibbli. Qal ukoll li l-konsum tal-inbid kellu jiġi ppruvat, u kellu jiġi ppruvat ukoll li ġie kkunsmat ikel min-numru tan-nies kif ikkalkolat mid-Direttur Ġenerali appellat. Qal li x-xiri tat-tvalji tal-karti ma jfisser xejn, u la ġie ppruvat il-konsum tagħhom u lanqas kieku stess dawn ġew ikkunsmati kollha, ma jfisser xejn għaliex dawn huma *disposable* u kull tant ħin ikollhom jinbidlu. Qal li d-Direttur Ġenerali appellat lanqas spjega kif in-numru ta' tvalji jikkumplimenta s-sejbien tiegħu derivat mix-xiri tal-inbid. L-appellant qal li huwa ilmenta mill-mod kif saru dawn l-istejjem għaliex id-Direttur Ġenerali appellat ma setax jassumi u jawmenta l-bejgħ ta' erba' snin oħra bl-istess rata tal-2008 ta' 41%, mingħajr ebda ħjiel ta' prova. L-appellant qal li investigazzjoni kif suppost kellha ssir għal kull sena ta' stima, u mhux billi l-istima ta' sena partikolari tiġi estrapolata u applikata retrospettivament u prospettivament kif sar f'dan il-każ. Qal li ż-żieda ta' 41% mal-bejgħ dikjarat fil-prospetti għal dawk l-erba' snin, kienet kapriċċuża u għal kollox barra minn lokha, mingħajr ebda bażi la fil-liġi u lanqas fl-investigazzjoni li saret. L-appellant qal li minkejja li d-Dipartiment tal-VAT mhux obbligat li jipprova li l-istejjem jkunu korretti, u l-oneru tal-prova kuntrarja huwa fuq it-*taxpayer,* id-Dipartiment mhux eżonerat mill-obbligu li jassigura li l-istejjem jkunu frott ta' eżerċizzju li jkun komplet u korroborat. Temm jgħid li t-Tribunal ma straħx fuq dak li rriżulta mill-investigazzjoni, għaliex id-Direttur Ġenerali appellat ma

investigax, iżda applika dak li rriżultalu għal sena partikolari, l-2008, għal snin oħra mingħajr ebda distinzjoni u mingħajr raġuni.

**Ir-Risposta tal-Appell**

17. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb li *ai termini* tal-artikolu 47 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi. Qal li d-deċiżjoni appellata hija bbażata fuq analiżi fattwali tal-provi u fuq in-nuqqas tal-appellant li jipprovdi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha sabiex jissostanzja u jipprova l-każ tiegħu dwar l-ammonti maħduma minnu stess. L-appellat qal li kuntrarjament għal dak allegat mill-appellant, l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tat-Tribunal fis-sentenza appellata huma kollha kemm huma bbażati fuq punti ta' fatt, u t-Tribunal ma wera l-ebda preġudizzju fil-konfront tal-appellant.

18. L-appellat spjega li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-oneru tal-prova li skont il-Partita 2(2) tad-IX Skeda tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, jinkombi fuq l-appellant. Spjega li l-Kap. 406 huwa ta' natura fiskali, u għalhekk għandha tapplika l-massima legali *lex specialis, derogat generalis.* L-appellat qal li t-Tribunal ikkonsidra x-xhieda mogħtija mill-partijiet, u wasal għall-konklużjoni li x-xhieda mogħtija mill-appellant ma kinitx tali li tiskarika kompletament l-oneru tal-prova minn fuqu, u li twasslu sabiex jikkanċella l-istejjem *in toto* kif qiegħed jippretendi l-appellant. Qal li l-konsiderazzjoni magħmula mit-Tribunal ma setgħetx tkun fattwali aktar milli kienet. Żied jgħid iżda, li l-appellant ma kienx kuntent bis-sentenza mogħtija mit-Tribunal, u għaldaqstant dan qal li kien

hemm konsiderazzjonijiet u enunċjazzjonijiet żbaljati, u dan sabiex deċiżjoni fattwali jagħtiha sembjanza ta' punt legali.

19. L-appellat għamel riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, u għamel riferiment għall-Partita 3 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li t-Tribunal jista' jirrifjuta li jikkonsidra xi prova bħala suffiċjenti għall-għanijiet tal-paragrafu (2), jekk l-appellant ikun naqas li jżomm kull dokumentazzjoni u dokument ieħor li huma meħtieġa li jinżammu *ai termini* tal-Kap. 406, jew jonqos milli jipproduċi kull dokumentazzjoni jew dokument bħal dawk. Qal li l-appellant ma jistax jgħid li t-Tribunal ma kkonsidrax ix-xhieda mressqa minnu, għaliex jekk dan kien il-każ, it-Tribunal ma kienx jasal biex inaqqas l-istejjem li wasslu għall-vertenza odjerna. Qal li l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal wasslu biex l-appellant ingħata raġun f'parti mil-lanjanzi mressqa minnu, iżda l-fatt li huwa ma ngħatax raġun kompletament, m'għandux ifisser li t-Tribunal għamel konsiderazzjonijiet u enunċjazzjonijiet żbaljati.

20. L-appellat qal li l-appellant donnu qiegħed jippretendi li ladarba hu u r-rappreżentant tiegħu telgħu jixhdu, minn dan għandu jsegwi li dawn għamlu l-provi li kellhom jagħmlu. L-appellat qal li fil-proċeduri quddiem it-Tribunal xehed ukoll l-appellat. Żied jgħid li l-appellant ressaq provi dokumentarji bħal ma huwa l-*costings exercise,* li dwaru l-appellat ma jridx jikkummenta, u qal li huwa ma jaf bl-ebda post fejn minn kull platt li jservi, jaħli 30% tal-materjal, u dan mingħajr ma spjega kif qegħdin jinħlewlu daqshekk affarijiet u jibqa' sostenibbli, u kif wasal għal tali perċentwali. Qal li l-bażi tal-istejjem ma kinux il-*costings* imma x-xiri tal-inbid meta mqabbel max-xiri tat-tvalji. L-appellat qal li

huwa ressaq xhieda msaħħa u kkorroborata bid-dokumentazzjoni neċessarja u relattiva, kuntrarjament għal dak li għamel l-appellant. L-appellat għamel riferiment għax-xhieda mogħtija minn Dr. Charles Attard, u qal li minn din ix-xhieda ma jirriżultax li dan qatt rifes fl-istabbiliment tal-appellant, u x-xhieda tiegħu hija nieqsa minn diversi dettalji. L-appellat qal li r-riferiment li sar minn Dr Attard għall-*costings exercise* li sar fuq il-platti servuti mill-appellant, ma kienx ibbażat fuq l-istejjem *de quo.* L-appellat qal li Dr. Attard ħareġ b'diversi teoriji, li ma kinux issostanzjati. L-appellat iċċara li huwa la ħadem fuq id-depożiti bankarji tal-appellant u lanqas fuq il-*costings* tal-platti. Qal li l-bażi tal-istejjem li saru lill-appellant kien ix-xiri tal-inbid għas-sena 2008, li ttieħdet bħala s-sena bażi għall-kumplament tal-investigazzjoni. Qal li max-xiri tal-inbid, l-appellat rabat ukoll l-ikel, u l-menu użah biss biex jieħu l-prezzijiet tal-platti servuti, u mhux biex jagħmel xi *weighted average mark-up.* Qal li dan wasslu biex jagħmel kalkolu dwar kemm tiswa ikla medja għal klijent, u huwa qagħad attent li jimxi b'mod konservattiv sabiex jibbilanċja l-konteġġi li għamel. L-appellat qal li l-appellant naqas milli jressaq ċerti provi, bħal per eżempju naqas milli jispjega l-istokk tal-inbid mixtri għall-użu tiegħu personali, l-ammont ta' inbid li nxtara biex jitqassam bħala rigal, u l-ammont ta' inbid li nxtara għat-tisjir u biex jinbiegħ mill-bar. Qal li l-appellant lanqas ma ressaq prova jew spjega għalxiex intużaw dawk it-tvalji kollha mixtrija minnu, li l-ammont tagħhom jikkombaċja mal-ammont ta' ikliet li wasal għalihom id-Direttur Ġenerali appellat.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

21. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza appellata u s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fit-tweġiba tiegħu, partikolarment fil-kuntest tal-eċċezzjoni sollevata mid-Direttur Ġenerali appellat li *ai termini* tal-artikolu 47 tal-Kap. 406, appell minn deċiżjoni tat-Tribunal tista' ssir biss fuq punti ta' liġi. Din l-eċċezzjoni tqanqlet wara li d-Direttur Ġenerali appellat sostna l-appellant qiegħed jippretendi li din il-Qorti terġa' teżamina l-provi mressqa quddiem it-Tribunal, tanalizza l-fatti mill-ġdid, u dan bit-tama li din il-Qorti tasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha t-Tribunal. Il-Qorti tispjega li sabiex waslet għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan ir-rikors tal-appell, qieset dak li rriżulta mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, kif ukoll id-deċiżjoni tat-Tribunal li minnha ġie intavolat dan l-appell. Il-Qorti hawn sejra tagħmel riferiment għal deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-31 ta' Mejju, 1996, fl-ismijiet **Emanuel Mifsud *vs.* Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp**, fejn tqanqlet eċċezzjoni simili:

> "Din il-qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt deċiżi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi ... Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun neċessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun ġiet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun ġiet definita fid-deċiżjoni appellata."

*L-ewwel aggravju:* *[konsiderazzjonijiet u enunċjazzjonijiet żbaljati dwar l-oneru tal-prova]*

22. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant qal li mhuwiex qiegħed jikkontesta

li l-oneru tal-prova li stima tat-taxxa hija eċċessiva, għandu jaqa' fuq it-*taxpayer.* Madanakollu l-appellant qal li jrid jiġi ċċarat x'tip u x'livell ta' prova hija meħtieġa biex id-Direttur Ġenerali appellat ikun sodisfatt li stima maħruġa minnu għandha tiġi riveduta. L-appellant qal li minkejja li ġie ppruvat li huwa żamm *records* tajbin, minkejja li huwa tela' jixhed u ppreżenta xhieda sabiex jispjegaw il-fatti, minkejja li l-prospetti ppreżentati minnu ġew ikkonfermati li huma korretti, it-Tribunal xorta waħda wasal għall-konklużjoni li dawn il-provi ma kinux suffiċjenti sabiex jirribattu l-istejjem maħruġa mid-Direttur Ġenerali appellat. Qal li din il-pożizzjoni 'riġida' meħuda mit-Tribunal, twasslu sabiex jikkonkludi li l-istima maħruġa mid-Direttur Ġenerali bl-ebda mod ma tista' tiġi kkontestata, għaliex m'hemm l-ebda prova li t-Tribunal iqis li hija suffiċjenti biex jasal li jibdel l-istima maħruġa.

23. It-Tribunal iċċita sentenza[1] fejn ingħad li ġeneralment huwa suffiċjenti li t-*taxpayer* jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-korrettezza u l-kompletezza ta' dak li jiddikjara, partikolarment fejn ma ġie indikat l-ebda difett fil-prospetti ppreżentati minnu. Il-Qorti tqis ukoll li it-Tribunal fis-sentenza appellata kkonstata li l-appellant ikkopera bis-sħiħ fl-investigazzjoni li saret, fejn instab li dan ma kellu xejn irregolari fil-kotba tan-negozju tiegħu, u li d-depożiti bankarji li saru kienu inqas mill-bejgħ irrapportat mill-appellant. Però s-suspetti dwar id-dikjarazzjonijiet tal-appellant, tqanqlu wara li saret investigazzjoni dwar l-operat tiegħu, u ġew ikkonsidrati l-ammont ta' fliexken tal-inbid mixtrija minnu fis-sena 2008, kif ukoll l-ammont ta' tvalji tal-karta li nxtraw minnu fl-istess sena.

[1] Każ numru 116 (Appell fuq Income Tax) (Income Tax Decisions of the Court of Appeal, Vol. 3, paġna 304).

L-ammont ta' fliexken tal-inbid u l-ammont ta' tvalji mixtrija kienu jeċċedu t-tliet elef biċċa, u minn din l-informazzjoni d-Direttur Ġenerali appellat silet konklużjonijiet dwar il-volum ta' bejgħ irreġistrat mir-ristorant li kien imexxi l-appellant. Dan tal-aħħar ipprova jispjega li l-konklużjonijiet milħuqa mit-Tribunal ma kellhomx bażi fattwali, u dan għaliex l-appellat ma qiesx kemm mill-fliexken tal-inbid mixtrija fl-2008 fil-fatt ma ntużawx, kemm ingħataw bħala rigal, kemm intużaw għat-tisjir, u kemm ġew ikkunsmati mill-appellant personalment, li fix-xhieda tiegħu qal li dak iż-żmien kellu problema għaliex personalment kien jikkonsma ħafna alkoħol. It-Tribunal ikkonsidra li l-appellant naqas milli jipprova li fiż-żmien rilevanti huwa verament kien marad minħabba li kellu problema ta' alkoħol. Barra minn hekk id-dubji li tqanqlu mill-appellant dwar il-konklużjonijiet milħuqa mill-appellat, ma ġew ippruvati minnu bl-ebda mod.

24. Il-Qorti tqis li l-appellant m'għandux raġun jgħid li t-Tribunal għamel konsiderazzjonijiet u enunċjazzjonijiet żbaljati dwar l-oneru tal-prova li jrid jagħmel it-*taxpayer* sabiex jirribatti l-istima li ssir mid-Direttur Ġenerali appellat. Tqis li t-Tribunal kien legalment korrett meta qal li anki f'każ li t-*taxpayer* jikkonferma l-korrettezza tal-prospetti tiegħu bil-ġurament, xorta waħda t-Tribunal huwa obbligat jikkonsidra kull prova, inkluż provi dokumentarji, li jistgħu b'mod oġġettiv jindikaw jekk l-istejjem maħruġa mid-Direttur Ġenerali appellat humiex eċċessivi jew le. It-Tribunal ikkonkluda wkoll li l-aċċettazzjoni ta' dak li xehed dwaru l-appellant, mingħajr ebda indaġini ulterjuri sabiex il-veraċità ta' dak li jkun ingħad tkun tista' tiġi kkorroborata minn provi oħra, hija mod simplistiku ħafna ta' kif jiġi skarikat l-oneru tal-prova li jrid jagħmel it-

*taxpayer.* Din il-Qorti hija tal-istess fehma. Filwaqt li r-*records* tan-negozju, ix-xhieda ġuramentata u provi oħra li jistgħu jinġiebu mit-*taxpayer* huma provi importanti, madanakollu dawn iridu jiġu kkonsidrati fl-ambitu ta' provi ulterjuri li jinġabu anki mill-appellat fi proċeduri bħal dawn, b'tali mod li jekk il-provi miġjuba mit-*taxpayer* iħallu xi forma ta' dubju dwar jekk l-istejjem maħruġa mill-appellat għandhomx jitqies li huma eċċessivi jew le, it-Tribunal ikun korrett jikkonkludi li l-oneru tal-prova tat-*taxpayer* ma ġiex skarikat. Il-Qorti mhijiex ser tidħol fid-dettall tal-provi miġjuba, għaliex jekk tagħmel dan tkun qiegħda tiftaħ mill-ġdid l-evalwazzjoni tal-provi li diġà twettqet mit-Tribunal. Madanakollu huwa ċar li t-Tribunal ma kienx sodisfatt bin-natura tal-provi miġjuba mill-appellant, u qies li l-investigazzjoni li saret mid-Direttur Ġenerali appellat kienet ibbażata fuq fatti li joħorġu mill-provi. Kien għalhekk li l-istejjem maħruġa mid-Direttur Ġenerali appellat ma ġewx riveduti, mhux għaliex kif qiegħed jargumenta l-appellant, ma hemm l-ebda prova li tista' tinġab mit-*taxpayer* li titqies b'saħħitha biżżejjed biex tegħleb l-istejjem tal-appellat. Huwa għalhekk li din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[konsiderazzjonijiet u enunċjazzjonijiet żbaljati dwar il-piż tal-prova tal-*Investigations Audit Report*]*

25. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex fil-fehma tiegħu t-Tribunal ta fiduċja għamja lill-konstatazzjonijiet li saru fl-*Investigations Audit Report* ippreżentat mid-Direttur Ġenerali appellat, u qal li f'dan ir-rigward ma jistax jintqal li l-provi mressqa mill-partijiet ingħataw trattament ugwali, għaliex it-Tribunal ta aktar piż lill-provi miġjuba mill-appellat milli ll-provi miġjuba

minnu.

26. Il-Qorti, filwaqt li tirrileva li f'dan l-istadju m'għandhiex tagħmel analiżi mill-ġdid tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi, tqis li d-Direttur Ġenerali appellat investiga l-operat u d-dikjarazzjonijiet tal-appellant wara xi diskrepanzi li rriżultaw, u li wasslu biex tqanqal dubju dwar jekk id-dikjarazzjonijiet tal-appellant humiex veritieri jew le. Jirriżulta li kien hemm żmien meta d-dikjarazzjonijiet tal-appellant saħansitra ġew investigati mill-Pulizija u d-Direttur Ġenerali appellat kellu quddiemu rapport li tħejja minn tliet uffiċjali u li abbażi tiegħu nħarġu l-istejjem tat-taxxa għas-snin 2006-2010. L-appellant jikkontesta dan ir-rapport u jgħid li minn tliet uffiċjali li rrediġew dan ir-rapport, kien biss uffiċjal wieħed li tressaq sabiex jixhed quddiem it-Tribunal. Għall-Qorti dan l-argument huwa wieħed kemmxejn dgħajjef, għaliex ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant milli jitlob lil dawn l-uffiċjali jitilgħu jixhdu, u jelaboraw dwar l-investigazzjoni li għamlu, u li wasslet għall-konklużjonijiet misjuba fir-rapport.

27. Il-Qorti tqis ukoll li t-Tribunal għamel riferiment ampju għar-rapport in kwistjoni, għaliex dan kien fih sunt tas-sejbiet kollha li għamel id-Direttur Ġenerali appellat wara l-investigazzjoni li saret. It-Tribunal qies li minkejja li l-appellant ipprova jispjega x-xiri ta' kwantità ta' alkoħol u tvalji tal-karti, dan ma kienx korroborat minn provi oġġettivi li jsostnu l-pożizzjoni tal-appellant. Hekk per eżempju, it-Tribunal qies li minkejja li l-appellant qal li numru ta' fliexken tal-inbid intużaw għat-tisjir, jew ingħataw minnu bħala rigal, jew saħansitra ġew ikkunsmati minnu personalment, din ix-xhieda tal-appellant ma kienet

korroborata bl-ebda mod. Qies ukoll li minkejja x-xhieda ta' Dr. Charles Attard dwar l-operat tal-appellant, il-kwalità tal-provi miġjuba baqgħet waħda mhux konvinċenti. Din il-Qorti tqis li l-appellant seta' ġab provi ferm aħjar biex jirribatti s-sejbiet fir-rapport imressaq mid-Direttur Ġenerali appellat. Wieħed mill-argumenti li ġab l-appellant kien li ammont ta' fliexken tal-inbid li nxtraw minnu fil-fatt ġew ikkunsmati fis-sena ta' wara, jiġifieri fl-2009, iżda l-Qorti ma sabet l-ebda prova li tindika li kien hemm stokk ta' fliexken tal-inbid jew addirittura ta' tvalji li nxtara fl-2008 u li ġie kkunsmat fl-2009. It-Tribunal irrimarka wkoll dwar il-fatt li l-appellant wiegħed li ser jippreżenta ċertifikazzjoni li huwa kien marad bis-*cirrhosis* minħabba fl-ammont ta' alkoħol li kien jikkonsma, iżda tali ċertifikat baqa' ma ġiex ippreżentat minnu. Dan ifisser li kuntrarjament għal dak li qiegħed jallega l-appellant, it-Tribunal kien dispost li jikkonsidra provi oġġettivi oħra sabiex jevalwa jekk il-konklużjonijiet misjuba fir-rapport kienux plawsibbli jew le.

28. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li t-Tribunal ikkanċella żewġ stejjem, fatt dan li jxejjen għal kollox l-argument tal-appellant li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra xi provi jew dokumenti mressqa minnu. It-Tribunal qies ukoll li l-*costings exercise* imressaq mill-appellant ma kienx wieħed ta' min jorbot fuqu. Anki din il-Qorti għandha r-riservi tagħha dwar il-mod kif saru l-komputazzjonijiet f'dan l-eżerċizzju. Għalhekk bir-raġun li l-volum ta' inbejjed u tvalji mixtrija kellu jikkostitwixxi l-bażi li fuqha nħarġu l-istejjem da parti tad-Direttur Ġenerali appellat. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis illi t-tieni aggravju wkoll mhux ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet Aaggravju:* *[konsiderazzjonijiet u enunċjazzjonijiet żbaljati dwar l-istejjem maħruġa mill-appellat]*

29. L-appellant qal li id-Direttur Ġenerali appellat ħareġ għoxrin stima, li jkopru l-perijodu bejn l-1 ta' Marzu, 2006 u t-30 ta' Novembru, 2010. Qal li huwa kkontesta dawn l-istejjem, ippreżenta l-prospetti tiegħu li huma korretti, ikkopera bis-sħiħ mal-investigazzjoni li saret, u ppreżenta *records* dwar il-bejgħ li kellu fil-pussess tiegħu. Qal li minkejja dan, id-Direttur Ġenerali appellat wasal għall-konklużjoni li d-*deemed sales* tal-appellant kienu fil-volum ta' 41% aktar minn dak dikjarat minnu. L-appellant qal li l-konklużjonijiet tal-appellat huma bbażati fuq għadd ta' assunzjonijiet, bħal per eżempju li flixkun inbid kbir jinqasam bejn tlieta min-nies fuq mejda, u fuq assunzjonijiet ibbażati fuq il-prezz medju għal kull mejda mill-*menus* tal-2008. Qal li dan ma jammontax għal investigazzjoni empirika, iżda minkejja dan, id-Direttur Ġenerali appellat wasal għall-konklużjoni li l-bejgħ dikjarat tiegħu għandu jiġi miżjud b'41%, u din iċ-ċifra għandha tiġi estrapolata b'mod prospettiv u retrospettiv, għas-snin 2006, 2007, 2009 u 2010, meta ma saret l-ebda investigazzjoni vera u proprja fir-rigward ta' dawn is-snin.

30. Il-Qorti tirrileva li f'każijiet bħal dawn, id-Direttur Ġenerali appellat għandu l-fakultà li joħroġ stejjem propju minħabba li d-dokumentazzjoni ppreżentata lilu mit-*taxpayer,* tqanqal dubji jew suspetti li mhux dak kollu li kellu jiġi ddikjarat fil-fatt ġie ddikjarat għall-finijiet ta' taxxa. Id-Direttur Ġenerali appellat ħejja stejjem proviżorji li ġew notifikati lill-appellant, iżda l-appellant ma talabx li ssir *review* ta' dawn l-istejjem proviżorji. Kien għalhekk li d-Direttur

Ġenerali appellat ipproċeda bil-ħruġ ta' stejjem ta' taxxa li trid titħallas mill-appellant, flimkien mal-penali amministrattivi u l-imgħaxijiet li jridu jitħallsu minnu. L-artikolu 34(2) tal-Kap. 406 jagħti lid-Direttur Ġenerali appellat is-setgħa li jagħmel riferiment għal kull tagħrif, stima jew informazzjoni oħra li d-Direttur Ġenerali iqis li jistgħu jintużaw sabiex tinħadem it-taxxa addizzjonali dovuta. Il-liġi ma tobbligax lid-Direttur Ġenerali appellat jagħmel investigazzjoni empirika fir-rigward tan-negozju tal-appellant. Huwa obbligu tat-*taxpayer* li jżomm il-kotba tan-negozju u li jagħmel id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji sabiex ma jkunx hemm lok li huwa jiġi investigat mid-Direttur Ġenerali appellat. Il-ħtieġa għal tali investigazzjoni fil-fatt tqanqlet minħabba f'diskrepanza pjuttost qawwija li rriżultat fir-rigward tal-perijodu *under review* 01.06.08-31.08.08, fejn minn eċċess ta' taxxa ta' €14,303.30, irriżulta li l-appellant kellu jħallas l-ammont ta' €18,981.20. Kien hawn li skattat il-ħtieġa ta' investigazzjoni aktar profonda dwar id-dikjarazzjonijiet tal-appellant fuq perijodu ta' żmien. Irid jintqal li fin-nuqqas ta' provi oġġettivi u li jistgħu jitqiesu li huma kompluti, id-Direttur Ġenerali għażel li joqgħod fuq provi oħra li rriżultaw mill-investigazzjoni li għamel, fosthom l-ammont ta' inbid u tvalji li nxtraw mill-appellant. L-estrapolazzjoni tar-riżultanzi tal-2008 għas-snin l-oħra *under review* kienet materja li kellha titqanqal mill-appellant meta huwa ġie mgħarraf bl-istejjem proviżorji u mhux f'dan l-istadju. Il-Qorti qieset li ladarba l-appellat mexa fuq il-premessa li l-VAT *returns* tal-appellant ma kinux jirriflettu l-bejgħ u dak li ġie ġġenerat min-negozju tiegħu fil-perijodu in eżami, l-appellat kellu jinvestiga u juża l-informazzjoni li ħarġet minn dawn l-investigazzjonijiet sabiex jasal għall-konklużjonijiet tiegħu. Irid jintqal li r-riżultanzi għas-sena 2008 huma medja ta' dak li wieħed jista' jasal għalih fir-rigward tas-snin l-oħra investigati, anki għaliex

wieħed jistenna li bħala regola fis-snin ta' wara l-2008 l-prezzijiet tal-ikel mibjugħ mir-ristorant ġestit mill-appellant żdiedu, filwaqt li aktarx li għas-snin 2006 u 2007 il-prezz kien kemmxejn orħos. Il-Qorti tirrileva li l-leġislatur fada fid-diskrezzjoni tal-appellat sabiex kull fejn jirriżulta suspett li ma saritx dikjarazzjoni kompluta, dan jinvestiga bl-aħjar mod u juża r-riżultanzi ta' dawn l-investigazzjonijiet sabiex joħroġ stejjem. Kien nuqqas kbir tal-appellant li ma talabx li l-istejjem proviżorji jiġu riveduti, jew spjegati lilu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki t-tielet aggravju tal-appellant mhux mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**